# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

**A6-0364/2008**

24.9.2008

# RAPPORT

dwar il-Promozzjoni ta’ l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, inkluż il-faqar fost it-tfal, fl-UE
(2008/2034(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Gabriele Zimmer

Rapporteur għall-opinjoni (*):
Anna Záborská, Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

(*) Kumitati assocjati – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Procedura

PR_INI

**WERREJ**

**Paġna**

NOTA SPJEGATTIVA ............................................................**Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI .......................................................................................**Error! Bookmark not defined.**

(*) Kumitat assoċjat - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, inkluż il-faqar fost it-tfal, fl-UE**
**(2008/2034(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-immodernizzar tal-protezzjoni soċjali għal iżjed ġustizzja soċjali u koeżjoni ekonomika: titmexxa 'l quddiem l-inklużjoni attiva tan-nies l-iktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, (COM(2007) 0620),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward konsultazzjoni għal azzjoni fuq livell ta' UE biex tiġi promossa l-inklużjoni attiva tan-nies li huma l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol (COM(2006)0044) u r-Rapport ta' Sinteżi mis-Servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati ta' dik il-konsultazzjoni,

– wara li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar kriterji komuni li jikkonċernaw riżorsi u assistenza soċjali suffiċjenti fis-sistemi ta' ħarsien soċjali, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/442/KEE tas-27 ta' Luju 1992 dwar il-konverġenza bejn l-objettivi tal-ħarsien soċjali u l-politiki,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-paga ekwa (COM(1993)0388),

– wara li kkunsidra l-programmi nazzjonali ta' riforma ta' Liżbona, ir-rapporti nazzjonali dwar l-istrateġiji għall-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali 2006-2008 u l-aġġornament tal-2007 kif imressaq mill-Istati Membri,

– wara li kkunsidra r-Rapport Konġunt dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2008 (COM(2008)0042) u r-Rapport Konġunt għall-Impjiegi 2007/2008, kif adottat mill-Kunsill fit-13 u l-14 ta' Marzu 2008,

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali dwar il-Faqar tat-Tfal u l-Benessri fl-UE, ta' Jannar 2008,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali tan-NU tal-1966,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 16, 18, 23, 25, 26 u 29 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/46/121, A/RES/47/134 u A/RES/47/196, A/RES/49/179, A/RES/50/107,

– wara li kkunsidra d-dokumenti tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti E/CN.4/Sub.2/1996/13, E/CN.4/1987/NGO/2, E/CN.4/1987/SR.29 u E/CN.4/1990/15, E/CN.4/1996/25 u E/CN.4/Sub.2/RES/1996/25,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, adottata fl-1979,

– wara li kkunsidra l-Objettivi tal-Millenju għall-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2000, b'mod partikulari l-eliminazzjoni tal-faqar u l-ġuħ (l-ewwel objettiv), il-kisba ta' edukazzjoni bażika universali (it-tieni objettiv) u ta' opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa (it-tielet objettiv) u l-ħarsien tal-ambjent (is-seba' objettiv),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-NU tal-1989, u l-Protokoll Fakultattiv dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u l-Familji tagħhom tan-NU tal-1990,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta’ Azzjoni Internazzjonali tan-NU dwar it-Tixjiħ 2002,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tan-NU tal-2006 u l-Protokoll Fakultattiv tagħha,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-ILO Nru 26 u Nru 131 dwar l-iffissar tal-paga minima,

– wara li kkunsidra l-aġenda tan-NU u tal-ILO dwar xogħol diċenti,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu ‘Il-promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd: Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-implimentazzjoni tal-aġenda dwar xogħol deċenti fid-dinja' (COM(2006)0249) u tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-23 ta' Mejju 2007 li tippromwovi xogħol deċenti għal kulħadd[1],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Laqgħa Informali tal-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali f’Berlin dwar "Xogħol Tajjeb" tat-18, 19 u l-20 ta' Jannar 2007,

– wara li kkunsidra l-artikoli 34, 35 u 36 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[2], li jiddefinixxu b'mod speċifiku d-dritt għall-għajnuna soċjali u għall-akkomodazzjoni, livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-aċċess għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali,

– wara li kkunsidra l-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali għall-Ħaddiema tal-1989 u l-Karta Soċjali Ewropea Riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1996,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-isħab soċjali Ewropej fir-rapport intitolat, ‘Sfidi Ewlenin li qed Jiffaċċjaw is-Swieq tax-Xogħol Ewropej: Analiżi Konġunta tal-Isħab Soċjali Ewropej’, tat-18 ta’ Ottubru 2007,

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew

[1] ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 321.
[2] ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1.

l-etniċità u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-28 t'April 2005 dwar is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2003 dwar l-applikazzjoni tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni[2],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Inventarju tar-realtà soċjali – Rapport temporanju għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007" (COM(2007)063) u tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Novembru 2007 dwar l-Inventarju tar-realtà soċjali[3],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Towards an EU strategy on the Rights of the Child" (COM (2006)0367) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament dwarha tas-16 ta' Jannar 2008[4], b'mod partikulari l-paragrafi 94 sa 117 tagħha,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Impenn Imġedded għal Ewropa Soċjali: Nirrinforzaw il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali' (COM(2008)0418),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010) (COM(2007)0797), u l-pożizzjoni tal-Parlament dwarha, adottata fis-17 ta' Ġunju 2008[5],

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu tat-22 ta' April 2008 dwar it-tmiem tal-problema ta' persuni li m'għandhomx fejn joqogħdu[6],

- wara li kkunsidra s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet miġbura fid-dokument prominenti tas-Segretarju Ġenerali tan-NU fuq Studju dwar il-Vjolenza fuq it-Tfal fl-2006, skond liema studju l-inugwaljanzi ekonomiċi u l-esklużjoni soċjali huma fost il-fatturi ta' riskju għalt-trattament ħażin tat-tfal,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008, intitolata "Programm ta' Azzjoni Soċjali Ewropew Ġdid",

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-18 ta' Ġunju 2008 intitolata "Inklużjoni Attiva",

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Lejn Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija" (COM(2007)0386),

1 ĠU C 45 E, 23.2.2006, p. 129.
2 ĠU C 68 E, 18.3.2004, p.604.
3 Testi adottati, P6_TA(2007)0541.
4 Testi Adottati, P6_TA(2008)0012.
5 Testi adottati, P6_TA(2008)0286.
6 Testi adottati, P6_TA(2008)0163.

– wara li kkunsidra l-Artikoli 136 sa 145 tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6 003642008),

A. billi l-Kunsill Ewropew ta’ Nizza tas-7, 8 u d-9 ta’ Diċembru 2000 stabbilixxa l-objettiv tal-UE li tikseb tnaqqis deċiżiv u li jista’ jitkejjel fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali sas-sena 2010; billi l-progress lejn dak l-objettiv għandu jitjieb,

B. billi l-Kunsill Ewropew ta' Liżbona tat-23 u tal-24 ta’ Marzu qabel li għandu jiġi eliminat il-faqar tat-tfal fl-Ewropa sal-2010,

C. billi l-Kunsill Ewropew ta' Nizza tas-7 u tad-9 ta’ Diċembru 2000 stieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li jingħata segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-1992 dwar ir-riżorsi minimi garantiti li għandhom jiġu pprovduti mis-sistemi għall-protezzjoni soċjali,

D. billi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE tirrikonoxxi “d-dritt bażiku ta’ persuna li jkollha biżżejjed riżorsi u assistenza soċjali biex tgħix b’mod kompatibbli mad-dinjità tal-bniedem”;

E. billi l-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali għall-Ħaddiema tal-1989 tirrikonoxxi d-dritt tal-ħaddiem li jkollu “paga ekwa”; billi l-Parlament tal-1993 u l-Kummissjoni qiesu l-ħtieġa għal politiki kkoordinati dwar il-pagi minimi sabiex jiġi implimentat dan id-dritt tal-ħaddiema għal paga “suffiċjenti li tippermettilhom li jkollhom livell ta’ għixien diċenti”,

F. billi fil-bidu tal-impenn tal-Unjoni li tiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-2001, kien hemm 55 miljun ruħ fl-Unjoni li kienu qegħdin jgħixu fir-riskju tal-faqar fl-introjtu (15% tal-popolazzjoni tal-UE-15); billi fl-2005 dik iċ-ċifra telgħet għal 78 miljun (16% tal-popolazzjoni tal-UE-25),

G. billi d-distakk persistenti fil-pagi bejn is-sessi jqiegħed lin-nisa f'pożizzjoni aktar dgħajfa f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarba mill-faqar,

H. billi fin-nuqqas ta' kull trasferiment soċjali, ir-riskju ta' faqar fl-Unjoni, b'mod speċjali għan-nisa, se jiżdied minn 16% għal 40%, jew 25% jekk jiġu esklużi l-ħlasijiet tal-pensjonijiet,

I. billi anke l-karrieri aktar qosra tan-nisa, li javvanzaw aktar bil-mod u li huma mħallsa anqas tajjeb, għandhom impatt fuq ir-riskju tagħhom li jaqgħu fil-faqar, speċjalment għal dawk ta' iktar minn 65 sena (21% jew 5 punti perċentwali aktar mill-irġiel),

J. billi t-tfal u ż-żgħażagħ jiffurmaw kważi terz tal-popolazzjoni tal-Unjoni u 19-il miljun tifel u tifla jinsabu fir-riskju tal-faqar, u ħafna minnhom huma separati mill-familji tagħhom minħabba l-faqar li hemm fil-familja; billi teżisti relazzjoni kumplessa bejn il-faqar, l-irwol tal-ġenituri u l-benesseri tat-tfal f’ċirkustanzi soċjali diversi, inkluż il-ħarsien tat-tfal minn kwalunkwe abbuż,

K. billi, b'mod partikulari, il-faqar estrem u l-esklużjoni soċjali jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet kollha tal-bniedem,

L. billi parti mdaqqsa mill-popolazzjoni tal-Unjoni għadha soċjalment eskluża, minħabba li persuna minn kull ħamsa tgħix f' akkomodazzjoni ta' standard baxx u kuljum madwar 1.8 miljun persuna jfittxu akkomodazzjoni f'postijiet ta' kenn apposta għal min m'għandux dar, 10% jgħixu f'familji fejn ħadd ma jaħdem, il-qgħad fit-tul iqarreb l-4%, 31 miljun ħaddiem jew 15% qed jaqalgħu pagi baxxi mmens, 8% tal-ħaddiema jew 17-il miljun jesperjenzaw faqar fid-dħul minkejja li jaħdmu, il-proporzjon ta' tfal li jitilqu kmieni mill-iskola qabeż il-15% u d-'distakk diġitali' għadu jeżisti (44% tal-popolazzjoni tal-UE għandha nuqqas ta' ħiliet fir-rigward tal-Internet u l-kompjuter),

M. billi l-faqar u l-inugwaljanza jaffettwaw lin-nisa b'mod sproporzjonat; billi d-dħul medju tan-nisa huwa biss ta' 55% ta' dak li jaqalgħu l-irġiel; billi n-nisa huma affettwati ħafna u b'mod sproporzjonat mill-faqar fil-kobor; billi l-inaċċessibilità għal servizzi ta' kwalità għolja żżid, b'mod mhux aċċettabbli, ir-riskji ta' faqar għan-nisa,

N. billi l-awtoritajiet reġjonali u lokali diġà għandhom responsabilità konsiderevoli għall-provvediment tas-servizzi pubbliċi u benefiċċji ġenerali, iżda fl-istess waqt huma suġġetti għall-pressjoni ristrettiva tal-baġits pubbliċi,

O. billi l-investiment fit-tfal u fiż-żgħażagħ jgħin biex tikber il-prosperità ekonomika għal kulħadd u jikser iċ-ċiklu ta' għaks, u billi huwa essenzjali li jiġu evitati l-problemi jew li jsir intervent hekk kif dawn jiġu identifikati sabiex iċ-ċansijiet tal-ħajja tat-tfal jissaħħu,

P. billi l-faqar u l-qgħad ġew marbuta ma' problemi ta' saħħa u aċċess insuffiċjenti għall-kura tas-saħħa minħabba fatturi bħal nutrizzjoni fqira, kundizzjonijiet tal-għajxien inferjuri f'zoni żvantaġġati, akkomodazzjoni mhux adegwata u l-istress,

Q. billi l-effetti tal-inugwaljanza, il-faqar, l-esklużjoni soċjali u n-nuqqas ta' opportunità huma relatati kollha ma' xulxin, u jesiġu strateġija koerenti fuq livell ta' Stat Membru, li tiffoka mhux biss fuq id-dħul u l-ġid, iżda wkoll fuq kwistjonijiet bħall-aċċess għall-impjieg, għall-edukazzjoni, għas-servizzi tas-saħħa, għas-soċjetà tal-informazzjoni, għall-kultura u għat-trasport u l-opportunitajiet għal ġenerazzjonijiet futuri,

R. billi matul il-perjodu bejn l-2000 u l-2005, l-inugwaljanza fid-dħul fl-Unjoni (proporzjon ta' S20/S80) żdiedet minn 4.5 għal 4.9, skont id-data tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea dwar id-Dħul Finanzjarju u l-Kundizzjonijiet tal-Għixien (UE-SIL), li tfisser li fl-2005 l-aktar 20% sinjuri fil-popolazzjoni tal-Unjoni kellhom dħul ta' kważi 5 darbiet aktar minn dak tat-80% li jifdal mill-popolazzjoni,

S. billi l-priġunerija mingħajr rijabilitazzjoni u edukazzjoni xierqa spiss twassal biss għal aktar esklużjoni soċjali u qgħad;

T. billi 16% tal-popolazzjoni ħaddiema tal-Unjoni għandhom xi diżabilità (Eurostat 2002); billi l-livelli tal-qgħad fost il-persuni b'diżabilità, li jinkludu persuni bi problemi ta' saħħa mentali, persuni ta' età ikbar u minoranzi etniċi madwar l-Unjoni, baqgħu għolja b'mod mhux aċċettabbli; billi 500 000 persuna b'diżabilità għadhom jgħixu f'istituzzjonijiet

residenzjali kbar u magħluqa,

*Approċċ iżjed olistiku lejn l-inklużjoni soċjali attiva*

1. Jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni lejn l-inklużjoni soċjali attiva; iqis li l-għan multilaterali tal-politiki għall-inklużjoni soċjali attiva għandu jkun l-implimentazzjoni tad-drittijiet fundamentali sabiex ikun possibbli li n-nies jgħixu b'dinjità u jieħdu sehem fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol;

2. Iqis li l-politiki ta' inklużjoni soċjali attiva għandhom jagħmlu impatt deċiżiv fuq il-qirda tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kemm fir-rigward ta' dawk li huma fl-impjieg (il-'ħaddiema fqar') u kemm ta' dawk li ma jaħdmux bi ħlas; jaqbel mal-Kummissjoni li approċċ iżjed olistiku lejn l-inklużjoni soċjali attiva għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji komuni li ġejjin:

   (a) għajnuna fl-introjtu biex tiġi evitata l-esklużjoni soċjali: L-Istati Membri għandhom, skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, jiddefinixxu skemi ta' introjtu minimu, il-benefiċċji u l-assistenzi soċjali relatati li għandhom ikunu aċċessibbli faċilment u jipprovdu riżorsi suffiċjenti, u għandhom jakkumpanjawhom bi pjan strateġiku għall-politiki attivi sabiex jaqilgħu lin-nies mill-faqar u sabiex jevitaw l-esklużjoni soċjali (billi jżommu f'moħħhom li l-politiki tal-inklużjoni attiva jinkludu iżjed ekwità fis-sistemi ta' ħarsien soċjali u jipprovdu wkoll miżuri ta' protezzjoni speċifiċi (eżempju, rijabilitazzjoni, taħriġ, konsulenza, kura tat-tfal, akkomodazzjoni, taħriġ lingwistu għall-migranti, servizzi ta' appoġġ) biex jippermettu lin-nies li jgħixu ħajja dinjituża);

   (b) rabta ma' swieq tax-xogħol inklużivi: il-politiki tal-inklużjoni attiva għandhom jimmiraw li jrawmu impjiegi ta' ħiliet esperti li jkunu stabbli u sikuri, jagħmlu l-impjiegi iżjed attraenti, joħolqu impjiegi ta' kwalità u jippromwovu l-kwalità fl-impjiegi, jipprovdu livell għoli ta' saħħa u sikurezza fuq il-post tax-xogħol, iżidu l-produttività u l-appoġġ attiv għal dawk l-iżjed żvantaġġjati, jipprovdu miżuri u servizzi ta' appoġġ speċifiċi biex jiżdied iċ-ċans ta' impjieg u biex jgħinu lin-nies jibqgħu fis-suq tax-xogħol, jiżviluppaw attivitajiet intraprendenti u jipprovdu għajnuna fit-tiftix tal-impjieg, edukazzjoni ta' kwalità għolja, taħriġ vokazzjonali, iżjed taħriġ u tagħlim tul il-ħajja, 'counselling' personalizzat, assistenzi soċjali u impjiegi ssussidjati fejn ikun tabilħaqq neċessarju għall-gruppi vulnerabbi bħall-ħaddiema b'diżabilità;

   (c) aċċess aħjar għas-servizzi ta' kwalità: l-aċċessibilità, il-prezz raġonevoli, il-ftuħ, it-trasparenza, l-universalità u l-kwalità tas-servizzi essenzjali (servizzi soċjali, servizzi ta' interess ġenerali (ekonomiċi)) għandhom jissaħħu biex jiġu promossi l-koeżjoni soċjali u territorjali, biex jiġu garantiti d-drittijiet fundamentali u biex jiġi żgurat għixien diċenti, speċjalment għal dawk il-gruppi fis-soċjetà li huma vulnerabbli u żvantaġġjati, bħall-persuni b'diżbilità, l-anzjani, il-familji b'ġenitur wieħed u l-familji kbar, inkluż l-ippjanar ta' servizzi b'mod li jqis il-ħtiġijiet ta' gruppi differenti; għandha tiġi evitata aktar privatizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u soċjali sakemm il-prezzijiet raġonevoli, il-kwalità u l-aċċessibilità għaċ-ċittadini

kollha jiġu garantiti;

(d) l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-anti-diskriminazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva: il-politiki tal-inklużjoni attiva għandhom jiżguraw il-promozzjoni ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u jikkontribwixxu għat-tneħħija tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni fl-aspetti kollha tal-inklużjoni soċjali attiva msemmijin fuq; parteċipazzjoni attiva: it-tmexxija tajba, il-parteċipazzjoni u l-integrazzjoni tal-parteċipanti rilevanti kollha għandhom jiġu promossi billi jiġu involuti b'mod dirett dawk milquta mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali u mill-inugwaljanza kemm fil-livell nazzjonali u kemm f'dak Ewropew – u partikolarment il-persuni li jgħixu f'sitwazzjonijiet ta' faqar estrem – kif ukoll l-isħab soċjali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-midja fl-iżvilupp, fl-immaniġġjar, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-istrateġiji;

3. Iqis li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE teħtieġ li titwessa' u tiġi aġġornata fid-dawl tar-riżultati tal-analiżi fattwali tar-realtà soċjali tal-Unjoni u l-approċċ olisitiku propost għall-inklużjoni attiva, u jqis ukoll li din ir-Rakkomandazzjoni għandha tqis kif jixraq il-fatt li qed jitfaċċaw riskji soċjali ġodda marbuta mal-bidla fil-klima u l-ekonomija ta' għarfien u servizzi;

4. Jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissoni li approċċ aktar olistiku lejn l-inklużjoni attiva għandu jinkludi wkoll attenzjoni speċjali għall-qirda tal-faqar fost it-tfal, l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi fir-rigward ta' aċċess għall-kura tas-saħħa u r-riżultati tal-kura tas-saħħa, għat-trattament tal-faqar u l-esklużjoni soċjali marbutin mal-pensjonijiet pubbliċi u privati u l-irtirar mix-xogħol, u għall-provvediment ta' kura fit-tul diċenti u ta' kwalità għolja;

*Il-garanzija ta' introjtu suffiċjenti biex tiġi żgurata ħajja dinjituża għal kulħadd*

5. Jirrimarka li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-UE-27 għandhom skemi nazzjonali ta' dħul minimu, iżda għad hemm minnhom li m'għandhomx; jinkuraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jipprovdu skemi ta' sigurtà minima garantita għal dawk soċjalment vulnerabbli, u jħeġġiġhom sabiex jiskambjaw l-aħjar prattiki; jirrikonoxxi li, fejn hemm dispożizzjoni għal għajnuna soċjali, l-Istati Membri għandhom id-dmir li jiżguraw li ċ-ċittadini jifhmu u jkunu jistgħu jiksbu d-drittijiet tagħhom;

6. Jesprimi dispjaċir kbir li xi Stati Membri jidhru li ma tawx każ tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE, li tirrikonoxxi "d-dritt bażiku ta' persuna li jkollha riżorsi u għajnuna soċjali suffiċjenti sabiex jippermettulha ħajja kompatibbli mad-dinjità umana";

7. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-assistenza soċjali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri diġà qiegħda taħt livell li fih il-faqar isir riskju; jinsisti li l-objettiv ċentrali tal-iskemi ta' appoġġ għall-introjtu għandu jkun li jaqla' lin-nies mill-faqar u li jippermettilhom li jgħixu f'dinjità; jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina jekk dħul bażiku mingħajr kundizzjonijiet għal kullħadd jistax ikun strument effettiv biex jikkumbatti l-faqar;

8. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta rapport dettaljat dwar jekk il-provvediment tas-Servizzi Soċjali tal-Istati Membri (inter alia skemi ta' dħul minimu u benefiċċji

relatati, qgħad, benefiċċji għall-invalidità u għal persuni sopraviventi, skemi ta' pensjonijiet statutorji u supplimentari, benefiċċji għal irtirar bikri) jjipprevedix dħul 'il fuq mill-ammont minimu li l-Unjoni tikkunsidra bħala l-ammont minimu għal "riskju ta' faqar" li huwa ta' 60% tad-dħul medju nazzjonali;

9. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi metodu komuni għall-kalkulazzjoni ta' ammont minimu għall-għixien bażiku u l-għoli tal-ħajja (baskett ta' prodotti u servizz) sabiex jiġi żgurat kejl komparabbli tal-limitu tal-faqar u jiġi definit il-kriterju ta' intervenzjoni soċjali meħtieġa;

10. Jirrimarka li r-riskju li wieħed jaqa' f'faqar estrem hu akbar għan-nisa milli għall-irġiel; jirrimarka li x-xejra persistenti lejn il-femminizzazzjoni tal-faqar fis-soċjetajiet Ewropej ta' llum tixhed li l-qafas attwali tas-sistemi għall-protezzjoni soċjali u l-firxa wiesgħa ta' politiki soċjali, ekonomiċi u dwar l-impjiegi tal-Unjoni m'humiex imfassla biex jissodisfaw il-bżonnijiet tan-nisa u d-differenzi fix-xogħol tan-nisa; jenfasizza l-fatt li l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost in-nisa fl-Ewropa jirrikjedu rispons politiku speċifiku, multiplu u li jikkunsidra kwistjonijiet ta' ġeneru b'mod speċifiku;

11. Jistqarr li l-iskemi għal dħul minimu xieraq huma prerekwiżit fundamentali għal Unjoni Ewropea bbażata fuq ġustizzja soċjali u opportunitajiet indaqs għal kulħadd; jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li jiġi pprovdut dħul minimu xieraq għall-perjodu bla xogħol jew bejn xogħlijiet, b'attenzjoni partikulari għall-gruppi ta' nisa li għandhom responsabilitajiet addizzjonali;

12. Jitlob lill-Kunsill biex jaqbel fuq mira tal-UE għal skemi ta' introjtu minimu u għal skemi kontributtivi li jissostitwixxu l-introjtu li jipprovdu appoġġ fl-introjtu ta' mill-inqas 60% tal-introjtu medju komuni nazzjonali, u fuq skeda dwar meta din il-mira għandha tintlaħaq mill-Istati Membri kollha;

13. Jikkunsidra li r-riskju li wieħed jaqa' fil-faqar hu ikbar għan-nisa milli għall-irġiel, b'mod partikulari fix-xjuħija, peress li s-sistemi għas-sigurtà soċjali huma ta' spiss ibbażati fuq il-prinċipju ta' impjieg imħallas kontinwu; jitlob dritt individwalizzat għal dħul minimu xieraq, li ma jkunx kundizzjonali fuq il-kontributi relatati ma' impjieg;

14. Iqis li l-faqar li jaffettwa lil dawk li diġà huma impjegati ma jirriflettix kundizzjonijiet naturali u ġusti ta' xogħol, u jiltob li l-isforzi jkunu konċentrati fuq is-sejba ta' rimedju għal din is-sitwazzjoni b'tali mod li l-pagi b'mod ġenerali u b'mod speċjali l-pagi minimi – immaterjalment jekk ikunux ta' natura statutorja jew bi qbil kollettiv – jkunu jistgħu jevitaw il-faqar fid-dħul u jiżguraw livell ta' għixien diċenti;

15. Jitlob lill-Kunsill biex isir qbil fuq mira tal-UE għall-pagi minimi (statutorji, ftehimiet kollettivi fuq livelli nazzjonali, reġjonali jew settorjali) biex jipprovdu pagi ta' mill-inqas 60% tal-paga medja rispettiva (nazzjonali, settorjali eċċ) u, barra minn dan, fuq skeda dwar meta din il-mira għandha tintlaħaq mill-Istati Membri kollha;

16. Iqis li l-iskemi tad-dħul minimu għandhom ikunu kkumplimentati b'pakkett ta' miżuri ta' appoġġ li jiffaċilitaw l-inklużjoni soċjali, liema pakkett għandu jinkludi faċilitajiet għall-inklużjoni soċjali, pereżempju, fil-qasam tal-akkomodazzjoni, kif ukoll appoġġ għall-edukazzjoni, taħriġ u taħriġ professjonali mill-ġdid u tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll

ġestjoni ekonomika tajba u skema ta’ appoġġ fl-introjtu, biex jikkontribwixxu biex ikopru l-ispejjeż tal-individwi u tal-familji, b’tali mod li jiġi żgurat l-issodisfar tal-bżonnijiet tal-ħajja u tat-tagħlim tul il-ħajja, b’mod partikulari għall-persuni waħdihom, familji b’ġenitur wieħed u familji kbar;

17. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jeżaminaw il-kobba spiss imħabbla u kumplessa ta’ skemi ta’ appoġġ tagħhom, tkun xi tkun in-natura speċifika tagħhom (skemi ta’ dħul minimu u benefiċċji relatati, skemi ta’ sostituzzjoni kontributorja tad-dħul u l-bqija), bil-għan li jitjiebu l-aċċessibilità għalihom u l-effettività u l-effikaċja tagħhom;

18. Iqis li l-Istati Membri għandhom jipprovdu benefiċċji addizzjonali mmirati lejn gruppi żvantaġġjati (bħal persuni b'diżabilità jew b’mard kroniku, ġenituri waħedhom, jew familji b'ħafna tfal), li jkopri spejjeż żejda fir-rigward, fost oħrajn, ta' appoġġ personali, l-użu ta’ faċilitajiet speċifiċi, u kura medika u soċjali, u li jistabbilixxu, fost oħrajn, livell ta' prezzijiet raġonevoli għall-mediċini għall-gruppi soċjali anqas vantaġġjati; jisħaq dwar il-ħtieġa li jiġu żgurati livelli diċenti ta’ pensjoni għall-invalidità u l-irtirar mix-xogħol;

19. Jirrikonoxxi d-distribuzzjoni mhux indaqs tad-dħul fost il-persuni li jaħdmu għal rashom u l-fatt li kwart tal-persuni li jaħdmu għal rashom jgħixu taħt il-limitu tal-faqar u għalhekk, li hemm bżonn li jingħata aktar appoġġ istituzzjonalizzat lill-intraprendituri sabiex tiġi evitata n-nassa tal-faqar;

*It-tneħħija tal-faqar fost it-tfal: mill-analiżi għall-politiki mmirati u għall-implimentazzjoni*

20. Jenfasizza l-importanza ta’ approċċ olistiku lejn is-sigurtà materjali u l-benessri tat-tfal, li jkun ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal kif imfassla mill-UNCRC, sabiex il-familji, speċjalment dawk kbar, ikunu jistgħu jibbenefikaw minn livelli suffiċjenti ta’ dħul sabiex jipprovdu lil uliedhom akkomodazzjoni u dieta xierqa, kif ukoll aċċess għal servizzi tas-saħħa u edukattivi diċenti, bil-għan li jiżviluppaw b’mod armonjuż fis-sens fiżiku u personali tagħhom; jirrikonoxxi, madankollu, li l-ħtiġijiet fundamentali tat-tfal għandhom jingħataw prijorità fuq il-kunsiderazzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri;

21. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lill-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili organizzati biex jiżguraw li l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun dejjem organizzata skond il-prinċipji fundamentali ta' parteċipazzjoni sigura u li tfisser xi ħaġa;

22. Jiġbed l-attenzjoni għad-dimensjonijiet differenti ta’ approċċ olistiku:

(a) jirrikonoxxi li t-tfal u ż-żgħażagħ huma ċittadini u sidien indipendenti tad-drittijiet u li huma parti minn familja;

(b) jiżgura li t-tfal jitrabbew bl-appoġġ ta’ riżorsi u ta’ kull forma ta’ assistenza biex jintlaħqu l-aspetti kollha tal-bżonnijiet emozzjonali, soċjali, fiżiċi, edukattivi u konjittivi tagħhom, u jipprovdi b’mod partikulari appoġġ essenzjali għall-ġenituri u l-familji li jgħixu f’faqar estrem, sabiex ikunu jistgħu jakkwistaw ir-riżorsi sabiex jaqdu r-responsabilitajiet parentali tagħhom, u b’hekk jevitaw l-abbandun jew l-istituzzjonalizzazzjoni ta’ tfal minn ġenituri li jkollhom ċirkustanzi materjali

difficli;

(c) jipprovdi aċċess għal servizzi u opportunitajiet li huma neċessarji għat-tfal kollha biex isaħħu l-benessri preżenti u futur tagħhom; jagħti wkoll attenzjoni speċjali lit-tfal fil-bżonn ta' appoġġ speċjali (minoranzi etniċi, immigranti, tfal tat-triq u tfal b'xi diżabilità), biex jippermettilhom jilħqu l-potenzjal sħiħ u biex jevita li jinqalgħu sitwazzjonijiet vulnerabbli, b'mod partikulari l-faqar multiġenerazzjonali, billi jiġi żgurat ukoll li t-tfal ikollhom aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa;

(d) jippermetti lit-tfal biex jipparteċipaw fis-soċjetà, inkluż fid-deċiżjonijiet xierqa għall-età tagħhom li jolqtu ħajjithom direttament kif ukoll fil-ħajja soċjali, rikreattiva, sportiva u kulturali;

(e) jagħti għajnuniet finanzjarji lil familji numerużi, bil-għan li dan jgħin fit-trażżin tat-tnaqqis fil-popolazzjoni, kif ukoll għotjiet ta' għajnuna lil ġenituri waħedhom li qed irabbu wild wieħed jew aktar flimkien ma' miżuri li jiffaċilitaw id-dħul tagħhom, jew ir-ritorn tagħhom, fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jfakkar li din is-sitwazzjoni hija aktar u aktar mifruxa u li d-diffikultajiet li jiffaċċja ġenitur f'dawn iċ-ċirkustanzi huma ħafna akbar minn dawk ta' familji b'żewġ ġenituri;

(f) jirrikonoxxi l-irwol li l-familji għandhom fil-benesseri u fl-iżvilupp tat-tfal;

(g) Jenfasizza l-importanza, waqt li f'kull każ jitqiesu l-aħjar interess tat-tfal, li jingħata appoġġ biex it-tfal tat-triq, it-tfal traffikati u l-minorenni mhux akkumpanjati jingħaqdu lura ma' familthom; jenfasizza li din ir-rijunjoni għandha tkun akkumpanjata b'miżuri speċjali ta' rijintegrazzjoni soċjali meta l-qagħda soċjoekonomika tkun wasslet lit-tfal biex iwettqu attivitajiet illeċiti għal dħul li jkunu ta' ħsara għall-iżvilupp morali u fiżiku tat-tfal, bħall-prostituzzjoni u l-bejgħ tad-droga; jitlob azzjoni koordinata konġunta li tindirizza l-kawżi li huma l-għerq tal-marġinalizzazzjoni u l-faqar estremi tat-tfal tat-triq u l-familji tagħhom, waqt li jittejjeb l-aċċess tagħhom għal servizzi ta' kwalità u tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata; jistieden lill-Kunsill biex jaqbel dwar impenn għall-UE kollha bbażat fuq ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-16 ta' Jannar 2008 'Lejn Strateġija Ewropea għad-Drittijiet tat-Tfal' biex il-fenomenu tat-tfal tat-triq jintemm sal-2015;

(h) Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jirrikonoxxu li ċ-ċirku vizzjuż ta' faqar estrem, vulnerabilità, diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali jqiegħed lit-tfal, u b'mod partikulari lit-tfal tat-triq, f'riskju partikulari u li hemm bżonn ta' azzjonijiet differenzjati u individwalizzati biex jiġu indirizzati deprivazzjonijiet multipli; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex japprovaw sforz tal-UE konġunt biex jitwaqqfu t-traffikar u l-prostituzzjoni tat-tfal, id-dipendenza ta' tfal fuq id-droga, il-vjolenza kontra t-tfal u d-delinkwenza ta' minorenni;

23. Jistieden lill-Kummissjoni biex tqis il-faqar tat-tfal u l-esklużjoni soċjali f'kuntest usa' tat-tfassil tal-politika tal-UE, inklużi l-kwistjonijiet bħall-immigrazzjoni, id-diskriminazzjoni, ħarsien tat-tfal minn kull forma ta' maltrattament u abbuż, minn perusni li jieħdu ħsieb it-tfal u milll-adulti, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-appoġġ tal-familja, l-inklużjoni attiva, il-kura u l-edukazzjoni fis-snin bikrija, it-tagħlim tul il-ħajja u

r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol, il-ħajja privata u l-ħajja tal-familja;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod effettiv il-prinċipju ta' paga ugwali għall-istess xogħol ta' valur soċjali, u biex iwettqu analiżi u riforma speċifiċi tas-sistemi għall-protezzjoni soċjali u biex jiżviluppaw linji gwida tal-UE għar-riforma tas-sistemi għall-protezzjoni soċjali minn prospettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, inklużi l-individwalizzazzjoni tad-drittijiet għal sigurtà soċjali, l-adattament tal-protezzjoni u s-servizzi soċjali għall-istrutturi tal-familji li qed jinbidlu u l-iżgurar li s-sistemi għall-protezzjoni soċjali jikkontrobattu b'mod aħjar il-qagħda prekarja tan-nisa u jissodisfaw il-bżonnijiet tal-aktar gruppi ta' nisa vulnerabbli;

25. Jiltob lill-Kummissjoni biex itejjeb il-'benchmarking' u l-monitoraġġ tal-Metodu miftuħ ta' Koordinament, biex tistabbilixxi indikaturi komuni u biex tiġbor data ta' kwalità għolja u kumparabbli u statistiki għat-tul dwar is-sitwazzjoni tat-tfal li jkopru l-aspetti kollha ta' approċċ olistiku fil-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali, inkluża l-akkomodazzjoni tat-tfal u tal-familji, sabiex ikun possibbli li ssir sorveljanza fuq il-benessri tat-tfal;

26. Iħeġġeġ lill-Eurostat biex jistabbilixxi rabta mas-sett ta' indikaturi li qed jiġi żviluppat biex jiġi mmonitorat l-impatt tal-azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet u l-benessri tat-tfal, ikkummissjonati mill-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali; jindika l-bżonn ta' sforz konġunt tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u l-Istati Membri biex jaħdmu f'koperazzjoni mal-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u ċ-ċentri ta' riċerka relevanti għat-titjib tal-ġbir ta' data statistika li tista' titqabbel dwar il-qagħda tat-tfal fl-Unjoni[1]; jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jikkonformaw mar-Rakkomandazzjoni espressa fir-Rapport tal-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali dwar il-Faqar u l-Benessri tat-Tfal fl-Ewropa, adottat fis-17 ta' Jannar 2008, li jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jirrevedu l-għejun varji ta' data disponibbli fil-livelli nazzjonali u subnazzjonali dwar it-tfal f'qagħdiet vulnerabbli;

27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw sistemi preventivi sabiex jindunaw b'sitwazzjonijiet kritiċi, bħal dawk ta' ġenituri li jkunu se jitilfu d-dar fejn joqgħodu, il-ħruġ f'daqqa ta' tfal mill-iskola jew każijiet ta' abbuż li l-ġenituri jkunu sofrew minnu waqt tfulithom; jistieden lill-Istati Membri sabiex jadottaw politika attiva mmirata biex tevita li t-tfal jitilqu mill-iskola kmieni permezz ta' mekkaniżmi li jipprovdu appoġġ lill-gruppi fir-riskju;

28. Iħeġġeġ lill-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jgħaddu l-poter tagħhom li joħolqu u jħaddmu sistemi biex jgħinu lit-tfal fil-problemi, lill-awtoritajiet lokali, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu effiċjenti kemm jista' jkun;

29. Jappoġġa l-opinjoni tal-Kummissjoni li l-bilanċ bejn il-ħidma lejn id-diversità tal-istrutturi tal-familji moderni u l-ħidma lejn id-dritt tat-tfal jikseb l-aħjar riżultat fil-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal;

[1] 2007/2093(INI).

30. Jitlob lil Kummissjoni sabiex tippromwovi taħlita bbilanċjata ta’ politika li jkollha r-riżorsi xierqa u li jkollha bażi ta’ objettivi u miri ċari li jqisu l-kuntest nazzjonali speċifiku u jiffukaw fuq intervenzjoni bikrija;

31. Jistieden lill-Istati Membri sabiex isaħħu l-proċess ta’ tagħlim reċiproku u l-monitoraġġ ta’ politiki, kemm dawk li jkunu suċċess kif ukoll dawk li ma jkunux, fil-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u kontra l-esklużjoni soċjali;

32. Jisħaq dwar l-importanza ta’ politiki għall-familja integrati u olistiċi li jmorru lilhinn mill-inklużjoni attiva sabiex jiġu indirizzati l-aspetti kollha relatati mal-benessri tat-tfal u tal-familja u sabiex jinqerdu l-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali fl-Unjoni;

33. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal u sabiex jippromwovu l-involviment tat-tfal fid-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-futur tagħhom stess għaliex il-parteċipazzjoni tat-tfal hija l-aħjar mod li bih tista’ tiġi applikata l-perspettiva tat-tfal;

34. Jilqa’ b'sodisfazzjoni l-impenn tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri lejn il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu rabta ċara bejn l-aġenda tad-drittijiet tat-tfal u l-aġenda tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni tat-tfal, minħabba li l-faqar u l-għaks tat-tfal huwa ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex meta jħejju l-istrateġiji favur l-inklużjoni soċjali, jikkunsidraw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Konvenzjoni li saru bħala tweġiba għar-rapporti tal-implimentazzjoni mill-partijiet tal-Istati u għar-rapporti alternattivi tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

35. Jirrimarka li ġenituri waħedhom m’għandhomx jitqiegħdu f’pożizzjoni agħar minn koppji bit-tfal fir-rigward ta’ servizzi u ħlas ta’ kumpens;

36. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw strateġiji nazzjonali għat-tnaqqis u l-qirda tal-faqar fost it-tfal fuq il-bażi ta’ approċċ differenzjat li jqis il-varjazzjonijiet fil-livell ta’ faqar skond ir-reġjun u l-età tat-tfal ikkonċernati;

37. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li t-tfal u l-familji kollha, inklużi dawk li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, ikollhom aċċess għal servizzi ta’ kura soċjali ta’ livell għoli li jkunu jqisu b’mod ċar l-impatt tal-faqar fuq il-familji, inklużi r-riskji akbar ta’abbuż u maltrattament tat-tfal u l-impatt ta’ dawn;

*Politiki għall-impjiegi għal swieq tax-xogħol soċjalment inklużivi*

38. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-impjieg huwa l-aħjar ċans biex jiġu evitati l-faqar u l-esklużjoni soċjali, iżda dan ma jkunx dejjem garanzija minħabba li skond l-istatistiki uffiċjali 8% tal-ħaddiema fl-UE jinsabu fir-riskju tal-faqar; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw b’mod effettiv id-Direttiva 2000/78/KE;

39. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw b’mod aktar effettiv il-leġiżlazzjoni

Komunitarja eżistenti fl-oqsma ta’ l-impjieg u ta’ l-affarijiet soċjali;

40. Jirrimarka li fl-UE 20 miljun persuna, speċjalment nisa, huma affettwati mill-faqar waqt li jkollhom xogħol, jew, fi kliem ieħor 6% tal-popolazzjoni u 36% tal-popolazzjoni li taħdem qegħdin jirriskjaw il-faqar waqt li jkollhom xogħol; jistieden lill-Istati Membri biex jiftiehmu dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-paga minima bħala element integrali ta' inklużjoni attiva;

41. Jenfasizza li s-sehem ta' impjiegi part-time fl-UE hu ta' 31% għan-nisa u 7.4 % għall-irġiel; jenfasizza li l-impjiegi part-time għan-nisa huma ta' spiss xogħol part-time insinifikanti u marġinali biss, imħallas ħażin u bi protezzjoni soċjali insuffiċjenti; jirrimarka li n-nisa huma, għalhekk, f'riskju akbar li jaqgħu fil-faqar, speċjalment fix-xjuħija, peress li l-pensjonijiet minn impjiegi part-time ta' spiss ħafna ma jkunux biżżejjed biex wieħed jgħix ħajja indipendenti;

42. Iqis li għal inklużjoni soċjali fis-suq tax-xogħol, l-aktar gruppi żvantaġġjati jeħtieġu miżuri speċifiċi:

(i) appoġġ ta’ żvilupp personali, permezz ta’ l-edukazzjoni, it-taħriġ, it-taħriġ għal tul il-ħajja, l-akkwist ta’ ħiliet ta’ l-IT u analiżi, kif ukoll stabilità tal-familja, integrazzjoni soċjali u inklużjoni qabel l-impjieg, u rikonoxximent li r-responsabilità proprja ta’ l-individwu li jintegra fis-soċjetà hija ta’ importanza kbira u għandha tkun stimolata;

(ii) il-provvediment ta’ aċċess massimu għal informazzjoni u toroq personalizzati li jiżguraw impjieg stabbli u ta’ livell għoli ta’ ħila skond il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tan-nies; eliminazzjoni ta’ l-ostakoli ta’ persuni li jidħlu jew jirritornaw għas-suq tax-xogħol, b’attenzjoni partikulari għal familji b’ġenitur wieħed, u l-promozzjoni ta’ rtirar gradwali biex jiżdiedu l-livelli ta’ dħul ta’ persuni anzjani u jkun evitat il-faqar tagħhom;

(iii) miżuri ta’ appoġġ biex jitrawwem ix-xogħol u l-abilità li jibqgħu fis-suq tax-xogħol (eż. taħriġ fil-post tax-xogħol u opportunitajiet ta’ taħriġ għal tul il-ħajja); żvilupp ta’ imprenditorjat u wkoll arranġamenti ta’ ħidma li jgħinu persuni marġinalizzati biex jidħlu fil-post tax-xogħol jew impjieg u jirrikonċiljaw l-impjieg ma’ l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw żvantaġġ soċjali (bħal nuqqas ta’ djar, responsabilitajiet ta’ kura jew problemi tas-saħħa);

(iii) il-monitoraġġ tal-waqfien mix-xogħol ta’ persuni li għandhom l’età biex jirtiraw fil-kuntest ta’ l-isvujtar ta’ postijiet ta’ xogħol;

43. Iqis li l-politiki maħsuba biex jagħmlu x-xogħol finanzjarjament attraenti (make-work-pay) għandhom jittrattaw il-problema tan-nasba – li tinsab fil-livelli tal-qiegħ tas-suq tax-xogħol – ta’ impjiegi li ma jrendux u ta’ ċikli ta’ alternanza bejn impjiegi mħallsa ħażin u ta' perjodi ta' qgħad, fejn l-individwi jgħaddu minn proċess ta' impjiegi insikuri, imħallsa bir-ribass, ta' kwalità baxxa u qgħad u/jew inattività; jenfasizza li l-ħtieġa ta’ aktar flessibilità fil-benefiċċji ta’ qgħad u dawk soċjali għandhom ikunu ttrattati bħala kwistjonijiet ta' prijorità; iqis li s-sistemi ta’ servizzi soċjali għandhom jimmotivaw

b'mod attiv lin-nies sabiex ifittxu opportunitajiet ġodda ta' xogħol filwaqt li jinkuraġġixxu d-disponibilità għall-bidla billi jitnaqqas it-telf tad-dħul u billi jiġu pprovduti opportunitajiet għall-edukazzjoni; iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika sabiex jużaw il-kunċett ta' flessigurtà fil-politiki tagħhom biex jagħmlu x-xogħol irendi finanzjarjament ('make-work-pay');

44. Jistieden lill-Istati Membri biex jaħsbu mill-ġdid 'politiki ta' attivazzjoni' li huma bbażati fuq regoli u kundizzjonijiet ta' eleġibilità restrittivi żżejjed għall-benefiċjarji mill-għajnuna, jisfurzaw lin-nies biex jaċċettaw impjiegi ta' kwalità baxxa li la jwasslu għal livell ta' għajxien deċenti u lanqas għall-inklużjoni soċjali;

45. Jipproponi li jinstab bilanċ bejn ir-responsabilità personali ta' l-individwi u l-forniment ta' għajnuna soċjali sabiex kulħadd ikun jista' jgħix fid-dinjità u jipparteċipa fis-soċjetà.

46. Jimmarka l-pożizzjoni tal-Kunsill li l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol għandhom jippromwovu 'x-xogħol tajjeb' u l-mobilità soċjali vertikali, u jipprovdu mezzi lejn impjieg regolari, li jħalli l-qligħ u legalment sikur li jkollu ħarsien soċjali adegwat, kundizzjonijiet tax-xogħol u pagi diċenti;

47. Jimmarka l-potenzjal ta' l-ekonomiija soċjali, l-intrapriżi soċjali, is-settur li ma joperax għall-profit u s-settur ta' l-impjieg pubbliku sabiex jipprovdu opportunitajiet ta' impjieg u ambjenti ta' xogħol għall-gruppi vulnerabbli, u li dan il-potenzjal għandu jiġi esplorat u appoġġjat kemm jista' jkun mill-Istati Membri u mill-politiki tal-Komunità (ESF, Fondi Reġjonali u ta' Koeżjoni, eċċ.);

48. Jaqbel mal-Kummissjoni li għal dawk li ma jistgħux jaħdmu għal raġunijiet differenti (bħal diżabilità serja, età jew inkapaċità, l-impatt ta' faqar persisteni jew ġenerazzjonali u/jew diskriminazzjoni, respsonsabilitajiet kbar ta' familja jew ta' kura u għaks fil-lokal), il-politiki ta' inklużjoni attiva għandhom jipprovdu appoġġ għad-dħul u miżuri ta' appoġġ sabiex jiġu evitati l-faqar u l-esklużjoni soċjali u sabiex ikun possibbli li dawn in-nies ikunu jistgħu jgħixu fid-dinjità u jipparteċipaw fis-soċjetà;

49. Jistieden lill-Istati Membri sabiex inaqqsu l-pressjoni fiskali mhux biss fuq id-dħul il-baxx iżda wkoll fuq id-dħul medju, sabiex jiġi evitat li l-ħaddiema jinqabdu f'nassa ta' pagi baxxi u jitnaqqas iċ-ċans li wieħed jirrikorri għax-xogħol mhux dikjarat;

50. Jiġbed l-attenzjoni għall-bidliet soċjali fl-Ewropa, li qed jibdlu l-istruttura soċjali tal-familji; jistieden li dawn il-bidliet jitqiesu bil-għan li jiġu eliminati l-ostakoli għas-suq tax-xogħol għal sieħeb jew sieħba li ma jaħdmux li jkunu parti minn koppji mhux miżżewġin li jgħixu flimkien;

51. Iqis li l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali għandhom jipprovdu għal kundizzjonijiet tax-xogħol u għal ħlas deċenti u li għandhom ukoll jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-politki ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni (bħat-tnaqqis tad-distakk bejn il-ħlas li s-sessi differenti jirċievu, ir-rispett tal-pagi kollettivi u l-pagi minimi u l-rpovvediment ta' trattament ugwali);

52. Jinnota li, minkejja li kien hemm ċaqlieq pożittiv lejn aktar parteċipazzjoni fl-edukazzjoni għolja, l-Istati Membri għandhom ikunu mħajra li jżommu u jintroduċu

apprentistati bbażati fuq ix-xogħol; jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw politiki konsistenti dwar apprentistati li jipprovdu għal garanziji minimi u ħlas diċenti u sabiex tingħeleb it-tendenza attwali li l-impjiegi jiġi moħbi bħala apprentistat bla ħlas;

53. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw approċċ koerenti fis-sistemi edukattivi fl-Unjoni għall-proċess ta' orjentament professjonali, ibbażat fuq formuli ta' tagħlim simili li jippermettu żgħażagħ jakkwistaw taħriġ f'oqsma orjentati għax-xogħol magħżula minnhom bħala parti mit-triq tal-karriera tagħhom; jinnota li sistemi ta' taħriġ għandhom ikunu bbażati fuq rikonoxximent reċiproku ta' diplomi u ċertifikati vokazzjonali u għandhom jinkludu istruzzjoni ta' lingwa bil-ħsieb li jkunu eliminati ostakoli ta' komunikazzjoni fi ħdan l-Unjoni; iqis li miżuri ta' taħriġ mill-ġdid għandhom jilħqu bilanċ bejn benessri emozzjonali u professjonali, biex taħriġ mill-ġdid professjonali ma jidhirx bħala nuqqas jew ostakolu għal żvilupp professjonali;

54. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tkun promossa l-inklużjoni attiva ta' żgħażagħ, persuni aktar anzjani u emigranti fl-isforzi kollha biex jinħoloq suq tax-xogħol inkluživ; jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifasslu sensiela ta' miżuri urġenti biex jiġġieldu x-xogħol mhux dikjarat, xogħol sfurzat minn tfal u l-isfruttament abbużiv ta' ħaddiema u biex isolvu l-konfużjoni li tqarraq ta' emigrazzjoni ekonomika mat-tiftix ta' ażil, u tat-tnejn ma' l-emigrazzjoni illegali; jistieden lill-Istati Memnbri sabiex jippreżentaw leġiżlazzjoni sabiex jevitaw li l-'gangmasters' jisfruttaw lil ħaddiema vulnerabbli u biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ħarsien tad-Drittjiet tal-Ħaddiema Migranti kollha u l-familji tagħhom;

*Il-provvediment ta' servizzi ta' kwalità u l-garanzija ta' l-aċċess għal gruppi vulnerabbli u żvantaġġjati*

55. Jilqa' l-fehma tal-Kummissjoni li l-iskemi ta' sigurtà soċjali statutorji u kumplimentari, is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali għandom jilagħbu rwol ta' prevenzjoni u ta' koeżjoni soċjali, jiffaċilitaw l-inklużjoni soċjali u jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali; jirrimarka l-ħtieġa li jiġi żgurat l-iżvilupp ta' kura għat-tul li tkun ta' kwalità għolja, aċċessibbli u bi prezz raġonevoli għal dawk fil-bżonn u appoġġ għal dawk li jipprovdu l-kura; jistieden lill-Istati Membri sabiex jidentifikaw u jindirizzaw il-problemi li jaffaċċjaw il-ħaddiema li jieħdu ħsieb persuni oħra (carers), li spiss ikunu sfurzati li jibqgħu barra s-suq tax-xogħol;

56. Jaqbel mal-Kummissjoni li s-servizzi kollha ta' interess ġenerali, inklużi l-industriji tan-networks bħat-trasport, it-telekomunikazzjoni, l-enerġija u l-entitajiet pubbliċi oħrajn jew is-servizzi finanzjarji għandu jkollhom rwol importanti fl-iżgurar tal-koeżjoni soċjali u territorjali u għandhom jikkontribwixxu għal inklużjoni attiva;

57. Jenfasizza li l-aċċess għal prodotti u servizzi għandu jkun dritt ta' kull ċittadin ta' l-Unjoni u għalhekk jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li tikkumplimenta d-Direttiva 2000/78/KE u tkopri l-forom kollha ta' diskriminazzjoni fuq il-bażijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 tat-Trattat KE, li għandhom jgħinu biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni f'oqsma tal-ħajja barra dawk ta' l-impjieg, inkluża diskriminazzjoni bbażata fuq diżabilità, età, reliġjon jew twemmin u orjentament sesswali; fl-istess waqt

iqis li aktar progress għandu jitwettaq fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' direttivi attwali kontra d-diskriminazzjoni tal-Komunità;

58. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex iqisu tariffi soċjali fissi għal gruppi vulnerabbli pereżempju fl-oqsma ta' l-enerġija u t-trasport pubbliku u wkoll faċilitajiet għal akkwist ta' mikrokrediti, biex tkun promossa l-inklużjoni attiva, kif ukoll il-kura tas-saħħa u edukazzjoni b'xejn għal persuni f'diffikultajiet ta' karatteristika materjali;

59. Iħeġġeġ lill-Kummissjon u lill-Istati Membri sabiex isaħħu l-obbligi tas-servizzi universali (bħat-telekomunikazzjoni u s-servizzi postali) sabiex isaħħu l-aċċessibilità u l-aċċessibilità finanzjarju tas-servizzi essenzjali u wkoll sabiex isaħħu l-obbligi tas-servizzi pubbliċi fil-mira sabiex jindirizzaw lil dawk il-gruppi fis-soċjetà vulnerabbli u żvantaġġjati;

60. Jistieden lill-Kunsill biex jaqbel dwar impenn mill-UE kollha biex telimina l-problema ta' nies bla dar li jgħixu fit-triq sa l-2015 u biex l-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ politiki integrati biex jiżguraw li jkun hemm aċċess għal akkomodazzjoni ta' kwalità u finanzjarjament aċċessibbli għal kulħadd; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ifasslu 'pjanijiet ta' emerġenza għax-xitwa' bħala parti minn strateġija usa' għall-problema ta' persuni bla dar, kif ukoll sabiex joħolqu aġenziji dedikati sabiex jippermettu l-forniment u l-aċċess għall-akkomodazzjoni għal gruppi li qed jaffaċċjaw diskriminazzjoni; jissuġġerixxi li tinġabar data komparabbli fir-rigward ta' persuni bla dar u dawk li għandhom akkomodazzjoni fqira; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa qafas ta' definizzjoni ta' l-UE ta' nuqqas ta' djar u tipprovdi aġġornamenti annwali dwar l-azzjoni meħuda u progress imwettaq fl-Istati Membri lejn it-tmiem ta' nuqqas ta' djar;

61. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex inaqqsu l-faqar ta' tfal b'50% sa l-2012, bħal tnaqqis bl-użu ta' indikaturi li m'humiex biss ekonomiċi, bħala l-ewwel impenn lejn it-tneħħija ta' faqar ta' tfal fl-Unjoni, u biex jallokaw biżżejjed riżorsi biex jilħqu dan l-għan; iqis li l-indikaturi użati biex ikejlu dan it-tnaqqis għandhom iqisu b'mod partikulari lil dawk it-tfal li ġejjin minn familji li jgħixu f'faqar estrem;

62. Jimmarka l-importanza tal-promozzjoni tas-servizzi integrati li jirrispondu għall-karatteristika multidimensjonali ta-faqar u l-esklużjoni soċjali, pereżempju, il-konnessjoni bejn il-faqar u n-nies bla dar, il-vjolenza, is-saħħa u s-saħħa mentali, il-livell ta' edukazzjoni, l-integrazzjoni soċjali u komunitarja, in-nuqqas ta' aċċess għat-teknoloġiji ta' l-informatika u l-infrastruttura u t-twessiegħ tal-firda diġitali (digital divide);

63. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jadottaw approċċ ta' saħħa fil-politiki kollha u sabiex jiżviluppaw politiki soċjali u tas-saħħa integrati sabiex tkompli l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi fil-forniment tal-kura u tas-saħħa, il-prevenzjoni u riżultat ta' saħħa, speċjalment fir-rigward ta' gruppi vulnerabbli u dawk l-aktar diffiċli li jintlaħqu;

64. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jippromwovu azzjonijiet volontarji u sabiex jgħinu fl-integrazzjoni soċjali tal-persuni li nqatgħu mis-suq tax-xogħol jew li m'għadhomx jipparteċipaw fih;

65. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni qed tiffoka aktar fuq aċċessibilità aħjar (disponiblità u aċċessibilità finanzjarja) u fuq il-kwalità tas-servizzi (l-involviment ta' l-utent, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni tar-rendiment, kundizzjonijiet tax-xogħol tajba, ugwaljanza fil-politiki ta' l-impjegar u tal-forniment, il-kordinazzjoni u l-integrazzjoni tas-servizz u infrastruttura fiżika xierqa);

66. Jistieden lill-Istati Membri biex itejbu l-koordinazzjoni tas-servizzi pubbliċi, b'mod partikulari l-ħoloq bejn servizzi għal tfal u dawk għal adulti; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jintroduċu programmi ta' assistenza għal ġenituri f'oqsma varji fejn il-faqar iwassal għal nuqqas ta' tagħrif fir-rigward ta' trobbija tat-tfal u biex jiżguraw li linji ta' għajnuna ta' tfal ikunu fornuti biżżejjed; jenfasizza li servizzi pubbliċi għal tfal u familji jridu jiżguraw li l-istrutturi, inċentivi, sistemi ta' mmaniġġjar ta' prestazzjoni, flussi ta' ffinanzjar u forza ta' ħidma xierqa jkunu fis-seħħ, li l-forza ta' ħidma ewlenija jkollha l-ħiliet ġusti , tagħrif u fiduċja, biex tipproduċi prevenzjoni aħjar u intervent minn kmieni u li s-servizzi jirrispondu għal ħtiġijiet ta' l-utenti, b'mod speċjali dawk il-familji vulnerabbli;

67. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jagħtu aktar importanza lill-fatt li tnaqqis fl-għotjiet għal servizzi speċifiċi bħal flus għall-pranzu, materjal ta' tagħlim u prajvits ta' l-iskejjel b'xejn, u għal divertiment essenzjali u opportunitajiet edukattivi barra mill-iskola, iwassal għall-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari għat-tfal minn familji soċjalment vulnerabbli; jimmarka l-ħtieġa għall-Istati Membri sabiex jipprovdu opportunitajiet indaqs għall-integrazzjoni tat-tfal kollha permezz ta' politika attiva għall-isport fl-iskejjel u aċċess għat-teknoloġiji ta' informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinkorpora servizzi għat-tfal bħall-kura tat-tfal, it-trasport tat-tfal u l-ikel fl-iskejjel fil-lista ġenerali ta' servizzi soċjali ta' interess ġenerali;

68. Jilqa' l-ħruġ ta' persuni b'diżabilità minn istituzzjonijiet iżda jinnota li dan jitlob livell għoli biżżejjed ta' servizzi ta' appoġġ u ta' kura bbażati fil-komunità li jkunu ta' kwalità għolja u li jiffavorixxu l-għixien indipendenti, id-dritt għall-għajnuna personali, id-dritt għall-kontroll tal-baġit proprju u l-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà;

69. Jimmarka l-ħtieġa li l-Istati Membri jippromwovu l-iżviluppp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji komprensivi dwar l-anzjani fil-livelli lokali u nazzjonali;

70. Jemmen li għandha tittieħed aktar azzjoni kemm fuq livell ta' Stat Membru u kif ukoll fuq dak ta' l-UE sabiex il-vjolenza domestika u l-abbuż tat-tfal u ta' l-anzjani jiġu rrikonoxxuti, irriċerkati u ttrattati;

71. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw approċċ aktar kostruttiv lejn il-politika tad-droga b'enfasi fuq l-edukazzjoni u t-trattament għad-dipendenza aktar milli fuq sanzjonijiet kriminali;

72. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jipprijoritizzaw il-miżuri ta' saħħa pubblika li jfittxu li jitrattataw direttament l-inugwaljanza li teżisti fis-saħħa u fl-aċċess għall-kura tas-saħħa ta' ħafna komunitajiet etniċi li qegħdin fil-minoranza;

73. Jinnota li fl-Istati Membri kollha, l-abbuż ta' alkoħol u tad-droga jista' jwassal għall-kriminalità, il-qgħad u l-esklużjoni soċjali; għalhekk jemmen li huwa inaċċettabbli li għal

ħafna persuni, l-uniku aċċess li għandhom għal dan it-tip ta' trattament u għall-pariri huwa permezz tas-sistema tal-ħabs;

74. Jisħaq li hemm ħafna forom ta' diżabilità, inklużi problemi ta' mobilità, nuqqas ta' vista, nuqqas ta' smigħ, problemi ta' saħħa mentali, mard kroniku u diffikultajiet ta' tagħlim; jimmarka l-fatt li persuni b'aktar minn diżabilità waħda għandhom problemi eċċezzjonali, l-istess kif għandhom persuni li huma suġġetti għal ħafna diskriminazzjonijiet;

75. Jitlob li tiġi eliminata l-istigmatizzazzjoni ta' persuni bi problemi mentali u persuni b'diffikultajiet ta' tagħlim, u għall-promozzjoni tas-saħħa mentali u l-benesseri, il-prevenzjoni ta' kundizzjonijiet mentali kif ukoll għal aktar riżorsi għat-trattament u l-kura;

76. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jinfurzaw leġiżlazzjoni għal kontra t-traffikar u għal kontra d-diskrimnazzjoni u b'mod partikolari sabiex jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar Azzjoni Kontra t-Traffikar tal-Persuni;

77. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jissalvagwardjaw il-politika ta' l-ażil imsejsa fuq id-drittijiet tal-bniedem skond il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Istatus ta' Rifuġjati u liġijiet oħra rilevanti dwar id-drittijiet tal-bniedem, waqt li jaħdmu biex itemmu d-dipendenza fuq il-benefiċċji ta' persuni li qed jitlobu l-ażil billi jippermettulhom li jaħdmu,u biex jikkunsidraw l-iżvilupp ta' aktar rotot ta' immigrazzjoni legali;

***It-titjib tal-koordinazzjoni fil-politika u l-involviment tal-parteċipanti rilevanti kollha***

78. Jiddispjaċih li r-Rapport Konġunt dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2008 tal-Kummissjoni ma jipprovdix iffukar strateġiku suffiċjenti fuq l-eliminazzjoni tal-faqar u fuq t-tneħħija ta' l-esklużjoni soċjali;

79. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-approċċ ta' inklużjoni attiva għandu jippromwovi proċess ta' implimentazzjoni integrat fil-livelli ta' l-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali, li jinvolvi l-partijiet kollha interessati (msieħba soċjali, NGOs, awtoritajiet lokali u reġjonali eċċ.) u għandu wkoll jipprevedi l-parteċipazzjoni attiva u l-għoti tas-setgħa lil persuni żvantaġġjati nfushom fl-iżvilupp, l-immaniġġjar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' strateġiji;

80. Jisħaq dwar il-ħtieġa li jkun hemm sensiela ta' miżuri uniformi fil-livell Ewropew bil-għan li jiġu evitati u penalizzati l-abbużi ta' kwalunkwe tip kontra l-minoranzi, l-persuni b'diżabilità u l-anzjani, fil-kuntest ta' azzjonijiet konkreti għal tnaqqis minn kull naħa tal-vulnerabilità ta' dawn il-gruppi soċjali, inkluż f'sens materjali;

81. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jerġgħu jqawwu attenzjoni strateġika ċara fuq l-eliminazzjoni tal-faqar u fuq il-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali fil-kuntest ta' l-Aġenda Soċjali 2008 – 2012; jistieden għal impenn aktar espliċitu fi ħdan il-qafas taċ-ċiklu li jmiss tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, għal Strateġija tal-Komunità dinamika u effettiva li tiffissa miri li għandhom

tifsira u twassal għal ħolqien ta’ strumenti effettivi u ta’ monitoraġġ iffukati fuq il-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanza; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jindirizzaw il-problemi rigward il-proċessi ta’ koordinazzjoni varji (Liżbona, strateġija ta’ l-UE għal żvilupp sostenibbli, il-Metodu Miftuħ ta’ Koordinazzjoni fl-oqsma ta’ l-Inklużjoni Soċjali u l-Protezzjoni Soċjali) b’mod li jkun provdut impenn ċar lejn l-eliminazzjoni tal-faqar u l-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali skond dawn il-politiki kollha;

82. jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu objettivi u għanijiet speċifiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż sett ta' azzjonijiet politiċi għall-appoġġ tal-gruppi ta' nisa li jiffaċċjaw riskju ogħla ta' faqar u esklużjoni soċjali, bħall-familji mhux tradizzjonali u l-familji b'ġenitur wieħed, in-nisa migranti, in-nisa rifuġjati u ta' minoranzi etniċi, in-nisa anzjani u n-nisa b'diżabilità;

83. Iħeġġeġ lill-imsieħba soċjali sabiex ikomplu bl-isforzi tagħhom li diġà bdew flimkien ma’ l-Analiżi Konġunti ta’ l-Imsieħba Soċjali u l-programm ta’ ħidma tagħhom 2006-2008 dwar l-integrazzjoni ta’ persuni żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol; iqis li tmexxija aħjar hija meħtieġa sabiex jiġu kkordinati dawk l-attivitajiet relatati ma’ l-imsieħba soċjali minn naħa u d-djalogu ċivili usa’ (NGOs eċċ) dwar l-inklużjoni soċjali lilhinn mill-impjieg minn naħa oħra;

84. Jappoġġja l-ħsieb tal-Kummissjoni li, rigward ir-Rakkomandazzjoni 92/441/KEE u l-OMC fl-oqsma tal-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, jeħtieġ li jkun hemm indikaturi xierqa u sistemi nazzjonali komprensivi għall-ġbir u l-analiżi ta’ dejta (eż. dejta ta’ statistika dwar id-dħul medju disponibbli, konsum fid-djar, il-livell tal-prezzijiet, pagi minimi, skemi minimi ta’ dħul u benefiċċji relatati); iqis li l-immonitorjar u l-analiżi ta’ l-istrateġiji ta’ implimentazzjoni għal inklużjoni soċjali u r-rapporti ta’ progress ta’ l-Istati Membri għandhom juru jekk id-dritt bażiku għal riżorsi suffiċjenti u assistenza soċjali li jippermettu persuni biex jgħixu f’dinjità humiex rispettati f’kull Stat Membru, kif ukoll fil-livell reġjonali;

85. Jilqa’ l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Impenn imġedded għal Ewropa Soċjali: Tisħiħ ta’ Metodu Miftuħ ta’ Koordinazzjoni għal Protezzjoni Soċjali u Inklużjoni Soċjali (COM(2008)0418), li tipproponi li ssaħħaħ l-OMC soċjali bit-titjib tal-metodi ta’ ħidma u viżibilità tagħha u bit-tisħiħ ta’ l-interazzjoni tagħha ma’ politiki oħrajn; jilqa’ b’mod speċjali l-proposti tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi miri għat-tnaqqis tal-faqar (b’mod ġenerali, faqar fost it-tfal, faqar fil-post tax-xogħol u faqar persistenti fuq perjodu ta' żmien fit-tul), għal livell minimu ta' dħul provdut permezz ta' pensjonijiet u għal aċċess għal u l-kwalità tal-kura tas-saħħa (tnaqqis tal-mortalità fost it-tfal, titjib tas-saħħa u żieda fl-aspettattiva tal-ħajja, eċċ.);

86. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri effettivi biex jiksbu l-objettivi ta' Barċellona dwar is-servizzi għall-kura tat-tfal; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jifformulaw rakkomandazzjonijiet dwar kif jilħqu l-ħtieġa għal servizzi ta’ kura fl-Ewropa (b’mod aktar partikulari l-organizzar u l-iffinanzjar ta’ kura għal tfal u persuni dipendenti oħrajn), anke t-twaqqif ta’ miri u indikaturi preċiżi, bil-għan li jkunu provduti faċilitajiet għal kura tat-tfal fi ħdan l-Unjoni għal 90% ta’ tfal mit-twelid sas-

sena obbligatorja ta’ skola u livell sufficjenti ta’ provvediment ta’ kura għal persuni dipendenti oħrajn sa l-2015; jenfasizza l-fatt li s-servizzi kollha għandhom jissodisfaw il-kriterji li jkunu għall-but ta' kulħadd, aċċessibbli u ta' kwalità tajba sabiex it-trobbija tat-tfal u l-kura ta' dipendenti ma jibqgħux ‘riskju ta' faqar’ b'mod speċjali għan-nisa;

87. Jenfasizza li dawk l-aktar il-bogħod mis-suq tax-xogħol għandhom jibbenefikaw aktar mill-programmi tal-Komunità bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-inizjattiva EQUAL; jistieden lill-Kummissjoni biex tanalizza l-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali għall-objettivi tal-Metodu Miftuħ ta’ Koordinazzjoni bbażati fuq l-indikaturi ta’ l-inklużjoni soċjali u biex tinkoraġġixxi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-regolament tal-Fond Soċjali Ewropew ġdid u l-użu ta’ ffinanzjar ta’ Progress biex jappoġġja miżuri ta’ inklużjoni attiva u tesplora possibilitajiet biex jiġu allokati l-fondi ESF jew biex jiġi identifikat baġit speċifiku għal inizjattiva Komunitarja f’dan ir-rigward; jemmen li dan irrawwem ukoll il-ħolqien ta’ netwerks ta’ prattiki tajbin fil-ġlieda kontra l-faqar sabiex jitħeġġu l-iskambji ta’ l-esperjenzi bejn l-Istati Membri;

88. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jimpenjaw lilhom infushom sabiex jieħdu azzjonijiet effettivi fil-kuntest tas-Sena kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, li għandha tirrappreżenta pass sostanzjali lejn l-isforz favur il-ġlieda kontra l-faqar fit-tul;

89. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja l- partecipazzjoni li fiha tifsira u li hija sikura tat-tfal fil-kwistjonijiet kollha li jaffetwawhom, filwaqt li jiżguraw li t-tfal kollha jkollhom opportunità indaqs sabiex jinvolvu ruħhom;

o

o o

90. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta’ l-Istati Membri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali.

## NOTA SPJEGATTIVA

**Introduzzjoni**

Fil-Komunikazzjoni COM(2007)620, il-Kummissjoni tidentifika l-adegwatezza ta' l-iskemi ta' introjtu minimu, is-swieq tax-xogħol inklużivi u l-aċċess imtejjeb għal servizzi soċjali ta' kwalità bħala t-tliet objettivi ewlenin biex jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Għandhom jiġu implimentati sett ta' prinċipji komuni li jfasslu approċċ olistiku lejn l-inklużjoni soċjali billi japprofondixxu l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni. Minbarra l-OMC, l-istrumenti finanzjarji ta' l-UE bħall-ESF għandhom jistabbilixxu qafas Ewropew ta' appoġġ li jinkuraġġixxi lill-Istati Membri fil-politiki tagħhom dwar l-inklużjoni soċjali. Fil-fehma tar-rapporteurs, ir-rapport konġunt dwar il-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali huwa pjuttost ta' karattru deskrittiv billi jirreferi għall-isforzi biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal, jippromwovi ħajja tax-xogħol itwal, jiżgura l-provvedimenti ta' pensjoni ffinanzjata b'mod privat, jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa u tal-kura fit-tul.
B'konformità mal-loġika ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, il-Kunsill u l-Kummissjoni jippromwovu t-tkabbir ekonomiku bħala l-objettiv primarju għal futur prosperu, ġust u sostenibbli f'sens ambjentali Ewropew. Fil-fehma tar-rapporteurs, ir-rapport konġunt m'huwiex orjentat biżżejjed lejn il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali u huwa mxaqleb wisq lejn l-inklużjoni soċjali bħala "fattur produttiv". Fil-fehma tar-rapporteurs, il-ġlieda kontra l-faqar m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala kontribut sempliċi lill-ekonomija permezz ta' investiment fil-kapital uman tal-futur.

Ir-rapporteur jappoġġja l-idea tal-Kummissjoni ta' approċċ iżjed olistiku dwar il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u bla dubju jaqbel ma' oqsma ta' azzjoni identifikati. Fil-fehma tar-rapporteurs, l-istrateġiji tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali għandha tkun imrabbta iżjed bil-qawwa ma' strateġiji għal koeżjoni soċjali, territorjali u reġjonali aħjar. Fil-fehma tar-rapporteur, il-problema tar-reġjuni foqra u tad-differenzi reġjonali enormi fil-faqar u fl-inklużjoni soċjali fost ir-reġjuni m'humiex koperti biżżejjed fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni.
L-inklużjoni soċjali għandha tkopri liċ-ċittadini kollha, kemm jekk ikunu disponibbli għas-suq tax-xogħol u kemm jekk le. Fil-fehma tar-rapporteurs, billi npoġġu l-impjegabilità bħala l-għan aħħari ta' l-inklużjoni soċjali, la nkunu qed nissodisfaw ir-rekwiżiti u lanqas naslu neliminaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Fil-fehma tar-rapporteur, fl-istrateġiji dwar il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax biżżejjed il-minoranzi bħall-persuni b'mard kroniku jew il-migranti. Is-sitwazzjoni ta' l-immigranti illegali u tar-refuġjati hija saħansitra agħar.

**Approċċ iżjed olistiku lejn l-inklużjoni soċjali attiva**

Qabel xejn, il-politiki għall-inklużjoni soċjali għandhom jiggarantixxu d-dritt fundamentali ta' kulħadd li jgħix f'dinjità u li jipparteċipa fis-soċjetà. Biex jintlaħaq dan l-għan ewlieni, il-politiki għall-inklużjoni soċjali għandhom jipprovdu introjtu biżżejjed biex tiġi evitata l-esklużjoni soċjali għan-nies, suq tax-xogħol inkluživ, aċċess aħjar għal servizzi ta' kwalità, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-anti-diskriminazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva.
Fil-fehma tar-rapporteurs, huwa kruċjali li l-inklużjoni soċjali u l-elementi kollha ta' l-approċċ olistiku jkunu bbażati fuq id-drittijiet fundamentali. Fil-fehma tar-rapporteur, l-

esperjenza (pereżempju, bir-riformi Hartz IV fil-Ġermanja) uriet li l-politiki ta' attivazzjoni wasslu għal definizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' l-għixien mill-awtoritajiet pubbliċi, li ma jaqblux mal-problemi reali, u li l-biċċa l-kbira tal-politiki ta' attivazzjoni jirrinfurzaw id-dipendenzi fuq il-benefiċċji soċjali minflok ma' jippermettu lin-nies li jaqilgħu l-introjtu tagħhom fis-suq tax-xogħol. Approċċ li jkun ibbażat fuq id-drittijiet jagħti l-possibilità liċ-ċittadini li jagħżlu mod kif jipparteċipaw fis-soċjetà u li jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

**Il-garanzija ta' introjtu suffiċjenti biex tiġi żgurata ħajja dinjituża għal kulħadd**

Il-garanzija ta' introjtu suffiċjenti għal kulħadd hija l-applikazzjoni tad-dritt fundamentali għal ħajja dinjituża u għall–parteċipazzjoni fis-soċjetà. Bla dubju, ix-xogħol huwa l-aqwa mod biex in-nies jingħataw mezzi suffiċjenti biex jevitaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, iżda hemm ukoll ċirkustanzi fejn in-nies ma jkunux jistgħu jaqilgħu biżżejjed flus permezz tax-xogħol. L-iskemi ta' protezzjoni soċjali għandhom l-għan li jipproteġu u jassistu lin-nies biex ikollhom impjieg sikur u stabbli u biex jaqilgħu flus biżżejjed matul dawk il-perjodi ta' attività.
Illum il-ġurnata, il-livelli ta' assistenza soċjali jinsabu taħt il-linja tar-riskju tal-faqar u ċertament għandhom bżonn jinbidlu biex jilħqu l-objettiv primarju tagħhom: l-eliminazzjoni tal-faqar.
Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' 1992 tirrikonoxxi 'd-dritt bażiku ta' persuna li jkollha biżżejjed riżorsi u assistenza soċjali biex tgħix b'mod kompatibbli mad-dinjità tal-bniedem'. Fil-fehma tar-rapporteurs, fl-UE-27 għad hemm Stati Membri li m'għandhomx xibka ta' sikurezza (safety net) nazzjonali suffiċjenti, u dan jesiġi li tittieħed azzjoni biex jiġi provdut introjtu li jkun ogħla l-limitu minimu tar-riskju tal-faqar skond l-Eurostat.
L-ewwl pass għandu jkun li jsir aġġustament ta' l-iskemi ta' appoġġ fl-introjtu, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma kumplessi, fir-rigward ta' l-aċċessibilità, l-effettività u l-effiċjenza. L-iskemi ġenerali għandhom jakkumpanjaw l-mizuri ta' appoġġ għall-inklużjoni soċjali u jipprovdu benefiċċji mmirati addizzjonali għal gruppi żvantaġġjati, biex in-natura kumplessa tal-faqar u l-esklużjoni soċjali jiġu ttrattati b'mod sodisfaċenti. Fil-fehma tar-rapporteurs, il-faqar, b'mod speċjali fl-impjiegi, għandu jiġi ttrattat kif jixraq permezz ta' mira ta' l-UE għall-pagi minimi li jipprovdu salarji ta' mill-inqas 60% tal-paga medja rispettiva.

**It-tneħħija tal-faqar fost it-tfal**

Il-Kummissjoni tirrimarka d-differenzi tremendi fir-rati ta' persuni li jinsabu f'riskju tal-faqar fost l-Istati Membri, li jvarjaw minn inqas minn 10% fl-Iżvezja għal iżjed minn 20% fil-Polonja u l-Litwanja. Tfal li jgħixu f'familji b'ġenitur wieħed jinsabu f'risku ta' faqar li huwa d-doppju tal-medja. U tfal li jitrabbew f'familji kbar jinsabu f'riskju ta' faqar ogħla wkoll. Ir-riskji tal-faqar ta' tfal bi storja ta' migrazzjoni huma minn darbtejn sa ħames darbiet ogħla minn tfal li jkunu twieldu fil-pajjiż ta' residenza tagħhom. L-istudju jipprovdi wkoll evidenza favur trażmissjoni minn ġenerazzjoni għal oħra ta' żvantaġġi fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Meta jqis dawn l-istatistiċi, ir-rapporteur jemmen fil-ħtieġa ta' azzjoni immedjata li tittratta t-tfal li jbatu minn diversi nuqqasijiet, tfal bi storja ta' immigrazzjoni, tfal li jgħixu fi djar ma' persuni b'diżabilità u tfal ta' refuġjati kif ukoll ta' immigranti illegali. Għandhom jiġu pprovdut ukoll l-appoġġ u l-kura lil tfal abbandunati, abbużati jew imsawta.
Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri diġà kkommettew ruħhom fl-ambitu tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), iżda għadhom ma stabbilewx konnessjoni ċara bejn id-

drittijiet tat-tfal u l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali tagħhom, li hija essenzjali minħabba li l-privazzjoni hija ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.
Fil-fehma tar-rapporteurs, politika li tkun ibbilanċjata sewwa u mgħammra kif jixraq, għandha tnaqqas il-faqar fost it-tfal b'50% tul il-perjodu ta' l-Aġenda Soċjali li jmiss, u dan ikun l-ewwel impenn sodisfaċenti lejn it-tneħħija tal-faqar fost it-tfal fl-UE. Fil-fehma tar-rapporteurs, approċċ integrat u olistiku lejn il-politiki għall-familja għandu jindika impenn ċar lejn soluzzjoni sostenibbli għall-eliminazzjoni tal-faqar fost it-tfal.

**Swieq tax-xogħol soċjalment inklużivi**

Fil-fehama tar-rapporteurs, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol huwa proċess ta' tliet stadji, li jinkludi l-appoġġ qabel l-impjieg, l-assistenza personalizzata addizzjonali waqt it-tfittxija għall-impjieg, u fl-aħħar miżuri ta' appoġġ għaż-żamma ta' l-impjieg. L-attenzjoni speċjali teħtieġ l-inklużjoni attiva taż-żgħażagħ, ta' l-anzjani u tal-migranti.
Fil-fehma tar-rapporteurs, il-problema tan-nasba – li tinsab fil-livelli tal-qiegħ tas-suq tax-xogħol – ta' impjiegi li ma jrendux u ta' ċikli ta' alternanza bejn impjiegi mħallsa ħażin u ta' perjodi ta' qgħad, għandha tiġi indirizzata billi x-xogħol isir irendi u biex in-nies jingħataw l-għajnuna ħalli jsibu impjieg sikur, stabbli u ta' kwalità b'kundizzjonijiet tax-xogħol u salarji diċenti.
Fil-fehma tar-rapporteur, politiki ta' attivazzjoni li huma bbażati fuq regoli u kundizzjonijiet ta' eleġibilità restrittivi żżejjed għall-benefiċjarji mill-għajnuna, jisfurzaw lin-nies biex jaċċettaw impjiegi ta' kwalità baxxa li la jwasslu għal livell ta' għixien diċenti u lanqas għall-inklużjoni soċjali. Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol għandhom jippromwovu 'x-xogħol tajjeb' u l-mobilità soċjali vertikali, u jipprovdu mezzi lejn impjieg regolari, li jħalli l-qligħ u legalment sikur li jkollu ħarsien soċjali adegwat.
Fil-fehma tar-rapporteur, il-potenzjal ta' l-ekonomija soċjali, ta' intrapriżi soċjali, is-settur li jaħdimx bi qligħ u s-settur ta' l-impjieg pubbliku għandu jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali tan-nies li jinsabu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol.

**Il-provvediment ta' aċess għas-servizzi ta' kwalità**

Fil-fehma tar- rapporteur, mhux biss is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, iżda s-servizzi ta' interess ġenerali kollha, inklużi l-industriji tan-netwerking bħat-trasport, it-telekomunikazzjoni, l-enerġija u l-utilitajiet pubbliċi u s-servizzi finanzjarji l-oħrajn għandhom jilagħbu rwol importanti fl-inklużjoni soċjali attiva. Jekk ma jkunx hemm aċċessibilità u servizzi ta' kwalità adegwati, persuni li jkunu soċjalment esklużi ma jkollhom l-ebda opportunità fis-suq tax-xogħol, u jkunu ddiskriminati fil-ħiliet tagħhom li jieħdu sehem fis-soċjetà. L-obbligi tas-servizz universali, pereżempju is-servizzi tat-telekomunikazzjoni u tal-posta huma ta' importanza partikulari għal gruppi tas-soċjetà li jkunu vulnerabbli u żvantaġġjati.
Kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni rigward l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi għandha titneħħa, inklużi d-diżabilità, l-età, ir-reliġjon jew it-twemmin jew l-orjentazzjoni sesswali permezz ta' direttiva ta' l-UE kontra d-diskriminazzjoni. Fil-fehma tar-rapporteurs, is-servizzi pubbliċi għandhom ikunu ddefiniti u żviluppati bħala pilastru tal-Mudell Soċjali Ewropew minħabba l-importanza enormi tagħhom fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.
Fil-fehma tar-rapporteurs, il-multidimensjonalità u l-interdipendenzi ta' ċerti riskji ta' faqar għandhom ikunu indirizzati, pereżempju, in-nies li jgħixu barra jsofru minn privazzjoni

multipla minħabba li l-bżonnijiet bażiċi tagħhom m'humiex issodisfati u għalhekk m'huwiex possibbli għalihom li jidħlu fis-suq tax-xogħol. Eżempju ieħor huwa l-inugwaljanza fil-provvediment tal-kura u l-prevenzjoni fil-qasam tas-saħħa, li twassal għal iżjed riskji ta' esklużjoni soċjali.

**It-titjib fil-koordinazzjoni tal-politiki**

Fil-fehma tar-rapporteur, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra bis-serjetà l-karta ta' konsultazzjoni ta' l-uffiċċju tal-konsulenti dwar il-politika Ewropea rigward "Ir-Realtà Soċjali Ewropea" fl-iżvilupp ta' strateġija dwar l-inklużjoni soċjali. Fil-fehma tar-rapporteurs, l-OMC jeħtieġ attenzjoni ikbar fuq l-eliminazzjoni tal-faqar, kif imsemmi fir-Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2008. Barra minn dan, l-implimentazzjoni ta' miri speċifiċi fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali teħtieġ baġits pubbliċi msaħħa u konnessjoni bejn il-proċess konsultattiv u r-reviżjoni tal-baġit ta' l-UE 2008/2009.
Indikaturi adegwati dwar l-introjtu disponibbli medju, il-konsum tad-dar, il-livell tal-prezzijiet, il-pagi minimi, l-iskemi ta' introjtu minimu u benefiċċji relatati jistgħu jkunu l-ewwel pass biex l-Istati Membri juru l-impenn tagħhom.
Fil-fehma tar-rapporteurs il-proċess ta' implimentazzjoni għandu jinkludi l-livelli ta' l-UE u dawk nazzjonali, reġjonali u lokali, u għandu jinvolvi l-parteċipanti rilevanti kollha (l-isħab soċjali, l-NGOs) u b'mod partikulari lill-iżjed nies żvantaġġjati stess. Hemm bżonn li jkun hemm djalogu aħjar, parteċipazzjoni u sjieda fil-proċess ta' l-OMC fuq il-livell kollha li jwasslu għal miri fformulati b'mod ċar u għal politiki li jkunu segwiti permezz ta' benchmarking u ta' monitoraġġ.
Ir-rapporteur jemmen li l-OMC u l-applikazzjoni ta' l-aqwa prattiki għandhom jiġu elaborati billi jiġu ffukati fuq it-tnaqqis ta' l-inugwaljanzi reġjonali u fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet ta' l-għixien ta' persuni fqar u żvantaġġjati (b'mod partikulari l-pensjonanti, in-nies b'mard kroniku u l-migranti).
Fil-fehma tar-rapporteurs, għandhom jiġu kkunsidrati d-difikultajiet kurrenti fil-konnessjonijiet nieqsa bejn il-proċessi ta' koordinazzjoni (OMC SPSI, Linji Gwida Integrati, EU SDS) sabiex jissaħħu l-viżibilità u l-impenn lejn l-eliminazzjoni tal-faqar u l-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali fihom kollha;
Fil-fehma tar-rapporteurs, l-iżjed gruppi vulnerabbli u żvantaġġjati għandhom qabel xejn jibbenefikaw mill-programmi komunitarji bħall-ESF u l-EQUAL.
Fil-fehma tar-rapporteurs, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra tibdel l-isem ta' ***l-Istrateġija ta' Liżbona għal "tkabbir, impjiegi u inklużjoni"*** li huwa konness iżjed mill-qrib mal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fuq l-inklużjoni soċjali u jżid linjagwida soċjali transversali.

26.6.2008

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, inkluż il-faqar tat-tfal, fl-UE
(2008/2034(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Anna Záborská

(*) Proċedura b'kumitati assoċjati - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 16, 18, 23, 25, 26 u 29 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/46/121, A/RES/47/134 u A/RES/49/179, A/RES/47/196, A/RES/50/107,

– wara li kkunsidra d-dokumenti tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti E/CN.4/Sub.2/1996/13, E/CN.4/1987/NGO/2, E/CN.4/1987/SR.29 u E/CN.4/1990/15, E/CN.4/1996/25 u E/CN.4/Sub.2/RES/1996/25,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Towards an EU strategy on the Rights of the Child" (COM (2006) 0367) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwarha tas-16 ta' Jannar 2008[1], b'mod partikulari l-paragrafi 94 sa 117 tagħha,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull

[1] Testi Adottati, P6_TA(2008)0012.

Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, adottata fl-1979,

– wara li kkunsidra l-Objettivi tal-Millenju għall-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2000, b'mod partikulari l-eliminazzjoni tal-faqar u l-ġuħ (l-ewwel objettiv), il-kisba ta' edukazzjoni bażika universali (it-tieni objettiv) u ta' opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa (it-tielet objettiv) u l-ħarsien tal-ambjent (is-seba' objettiv);

A. billi d-distakk persistenti fil-pagi bejn is-sessi jqiegħed lin-nisa f'pożizzjoni aktar dgħajfa f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarba mill-faqar,

B. billi l-Kunsill Ewropew ta' Lisbona fl-2000 qabel li għandu jiġi eliminat il-faqar tat-tfal fl-Ewropa sal-2010,

C. billi l-Kunsill Ewropew ta' Nice fl-2000 stieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li jingħata segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-1992 dwar ir-riżorsi minimi garantiti li għandhom jiġu pprovduti mis-sistemi għall-protezzjoni soċjali,

D. billi r-riskju ta' faċar fl-Ewropa hu ogħla b'mod sinifikanti għall-persuni qegħda, għall-familji b'ġenitur wieħed (prinċipalment mara),għall-persuni anzjani li jgħixu waħedhom (ukoll speċjalment nisa) u għall-familji b'diversi dipendenti,

E. billi fin-nuqqas ta' kull trasferiment soċjali, ir-riskju ta' faqar fl-Ewropa, b'mod speċjali għan-nisa, se jiżdied minn 16% għal 40%, jew 25% jekk jiġu esklużi l-ħlasijiet tal-pensjonijiet,

F. billi anke l-karrieri aktar qosra, li javvanzaw aktar bil-mod u li huma mħallsa anqas tajjeb tan-nisa għandhom impatt fuq ir-riskju tagħhom li jaqgħu fil-faqar, speċjalment għal dawk ta' iktar minn 65 sena (21% jew 5 punti aktar mill-irġiel),

1. Jenfasizza l-fatt li l-faqar u l-inugwaljanza jaffettwaw lin-nisa b'mod sproporzjonat; jirrimarka li d-dħul medju tan-nisa kull m'hu hu 55% ta' dak tal-irġiel;

2. Jitlob għal strateġija politika u istituzzjonali aktar pragmatika fil-ġlieda kontra l-faqar estrem, li tintegra l-politiki dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali, u l-parteċipazzjoni attiva, waqt li tippromwovi b'mod ċar lil kull objettiv fuq il-merti tiegħu, inklużi dawk ta' sħubija mal-familji, mal-assoċjazzjonijiet tal-familja u mal-persuni l-aktar foqra;

3. Jirrimarka li r-riskju li wieħed jaqa' f'faqar estrem hu akbar għan-nisa milli għall-irġiel;

4. Jirrimarka li x-xejra persistenti lejn il-femminizzazzjoni tal-faqar fis-soċjetajiet Ewropej ta' llum tixhed li l-qafas attwali tas-sistemi għall-protezzjoni soċjali u l-firxa wiesgħa ta' politiki soċjali, ekonomiċi u dwar l-impjiegi tal-UE m'humiex imfassla biex jissodisfaw il-bżonnijiet tan-nisa u d-differenzi fix-xogħol tan-nisa; jenfasizza l-fatt li l-faqar u l-esklużjoni soċjali tan-nisa fl-Ewropa jirrikjedu rispons politiku speċifiku, multiplu u li jikkunsidra kwistjonijiet ta' ġeneru;

5. Hu favur l-uża tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għall-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali u lill-

Istati Membri biex jistabbilixxu objettivi u għanijiet speċifiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż sett ta' azzjonijiet politiċi għall-appoġġ tal-gruppi ta' nisa li jiffaċċjaw riskju ogħla ta' faqar u esklużjoni soċjali, bħall-familji mhux tradizzjonali u l-familji b'ġenitur wieħed, in-nisa migranti, in-nisa rifuġjati u ta' minoranzi etniċi, in-nisa anzjani u n-nisa b'diżabilità;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iwettqu analiżi u riforma speċifiċi tas-sistemi għall-protezzjoni soċjali u biex jiżviluppaw linji gwida tal-UE għar-riforma tas-sistemi għall-protezzjoni soċjali minn prospettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, inklużi l-individwalizzazzjoni tad-drittijiet għal sigurtà soċjali, l-adattament tal-protezzjoni u s-servizzi soċjali għall-istrutturi tal-familji li qed jinbidlu u l-iżgurar li s-sistemi għall-protezzjoni soċjali jikkontrobattu b'mod aħjar il-qagħda prekarja tan-nisa' u jissodisfaw il-bżonnijiet tal-aktar gruppi ta' nisa vulnerabbli;

7. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri effettivi biex jiksbu l-objettivi ta' Barċellona dwar is-servizzi għall-kura tat-tfal;

8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri biex tgħin lill-Istati Membri jiksbu implimentazzjoni effettiva tal-prinċipja ta' ħlas ugwali għal xogħol ta' valur soċjali ugwali;

9. Jenfasizza li dritt importanti tat-tfal huwa d-dritt li jgħixu mal-ġenituri tagħhom; jenfasizza l-importanza tal-familji fl-iżvilupp tat-tfal huma x'inhuma l-età tagħhom u l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-familja; jitlob, għalhekk, li l-familji li jgħixu f'faqar estrem ikunu megħjuna, bħala familji, fl-isforzi tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex itemmu t-tqegħid tat-tfal f'tutela minħabba raġunijiet soċjo-ekonomiċi u biex jgħinu l-ġenituri biex iwettqu r-responsabilità tagħhom fit-tul, anke f'sitwazzjonijiet diffiċli ta' faqar estrem, waqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-investiment fl-għoti ta' setgħa lill-ommijiet/nisa jfisser investiment fit-tfal/familji;

10. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw politika speċjali għat-tfal tat-triq, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-bżonnijiet tagħhom fil-qasam tal-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet soċjali;

11. Itenni l-istedina tiegħu lill-Eurostat biex jiżviluppa indikaturi biex jitkejjel is-suċċess ta' dawn il-politiki, b'koperazzjoni mill-qrib mal-assoċjazzjonijiet b'esperjenza fil-ġlieda kontra l-faqar estrem u b'mod partikulari mal-assoċjazzjonijiet tan-nisa u mal-ifqar nies innifshom, pereżempju n-Netwerk Ewropew kontra l-Faqar, li għandhom l-esperjenza u li jaħdmu ma' dawk b'esperjenza ta' faqar, għalihom u permezz tagħhom, b'mod simili għall-programmi "interazzjoni għall-għarfien";

12. Jinsisti li dawn l-inċertezzi kollha qed iżommu lil dawk direttament milquta milli jgawdu mid-drittijiet fundamentali tagħhom; jistieden lill-istituzzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali biex jikkunsidraw in-natura pluridimensjonali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, li taffettwa l-oqsma kollha tal-ħajja tal-bniedem, b'mod partikulari r-riċerka dwar ir-rabta kawżattiva bejn il-vjolenza domestika fir-relazzjonijiet u l-faqar fit-tul;

13. Ifakkar li l-ifqar persuni ta' spiss jgħidu li jekk wieħed ikollu dħul sigur li jkun xieraq tad-dinjità tal-bniedem jew ikollu xogħol stabbli u mħallas, dan jgħinu jerġa' jikseb is-sens tiegħu ta' kburija, dinjità u l-istima tiegħu innifsu f'relazzjoni mat-tfal u l-familji tagħhom,

u li anke l-eliminazzjoni tad-distakk fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel għandha rwol ewlieni f'dan ir-rigward; jitlob, għalhekk, biex it-toroq li jwasslu għal impjieg professjonali jipprevedu akkumpanjament partikulari għall-aktar persuni u ħaddiema vulnerabbli, biex titwitta t-triq lejn soċjetà ġenwinament inklussiva u li tirrispetta l-ifqar ċittadini;

14. Jirrimarka li fl-UE 20 miljun persuna, speċjalment nisa, huma affettwati mill-faqar waqt li jkollhom xogħol, i.e. 6% tal-popolazzjoni u 36% tal-popolazzjoni li taħdem qegħdin jirriskjaw il-faqar waqt li jkollhom xogħol; jistieden lill-Istati Membri biex jiftehmu dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-paga minima bħala element integrali ta' inklużjoni attiva;

15. Jistqarr li l-iskemi għal dħul minimu xieraq huma prerekwiżit fundamentali għal UE bbażata fuq ġustizzja soċjali u opportunitajiet indaqs għal kulħadd; jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li jiġi pprovdut dħul minimu xieraq għall-perjodu bla xogħol jew bejn xogħlijiet, b'attenzjoni partikulari għall-gruppi ta' nisa li għandhom responsabilitajiet addizzjonali;

16. Jistieden lill-Unjoni Ewropa, lill-Istati Membri u lill-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili organizzati, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet biex il-persuni komuni jgħinu lilhom infushom stabbiliti minn nies b'esperjenza ta' faqar, biex jiżguraw li, fil-laqgħat f'diversi livelli, aktar u aktar tfal minn kulturi u kuntesti soċjali differenti jkollhom l-opportunità li jirrapreżentaw lir-reġjun tagħhom jew pajjiżhom; jistieden lill-UE u l-Istati Membri biex jirrikonoxxu lil netwerks u organizzazzjonijiet nazzjonali kontra l-faqar (bħan-Netwerk Ewropew kontra l-Faqar) bħala organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u biex jappoġġjawhom sistematikament; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex jiżguraw li jinkorporaw dawn l-organizzazzjonijiet għan-nies komuni fil-politika tagħhom f'kull livell ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex isiru disponibbli r-riżorsi biex l-aktar tfal esklużi jitħallew jesprimu lilhom infushom billi jistabbilixxu proġetti fuq perjodu ta' żmien twil magħhom u billi jipprovdu biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani; jistieden lil dawk kollha kkonċernati biex jappoġġjaw lill-proġetti li jippermettu li t-tfal minn kuntesti soċjali u kulturali differenti jiltaqgħu, waqt li jiġi enfasizzat l-aspett multidixxiplinari tal-proġetti li jippermettu l-ħolqien artistiku u li jagħtu lit-tfal l-opportunitajiet biex jesprimu l-ideat tagħhom dwar soluzzjonijiet possibbli u anke biex jgħadduhom lil oħrajn (skambju bejn pari);

17. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżviluppaw Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fil-qasam tas-servizzi ta' kura sabiex jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet dwar kif għandu jiġi sodisfatt il-bżonn għal provvista ta' servizzi ta' kura fl-Ewropa (i.e. l-organizzar u l-iffinanzjar ta' kura għat-tfal u persuni dipendenti oħra), inkluż l-iistipular ta' miri u indikaturi preċiżi, bil-għan li jiġu pprovduti faċilitajiet għall-kura tat-tfal għal 90% tat-tfal mit-twelid sal-età ta' skola obbligatorja fl-UE kollha u livell adegwat ta' provvista ta' kura għal persuni dipendenti oħra sal-2015; jenfasizza li s-servizzi kollha għandhom jissodisfaw il-kriterji li jkunu għall-but ta' kulħadd, aċċessibbli u ta' kwalità tajba sabiex it-trobbija tat-tfal u l-kura ta' dipendenti ma jibqgħux "riskju ta' faqar" b'mod speċjali għan-nisa;

18. Iħeġġeġ parteċipazzjoni ħielsa u bla xkiel fl-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja u fit-taħriġ dwar l-immaniġġjar sod tar-riżorsi finanzjarji;

19. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li t-tfal kollha, speċjalment dawk foqra, ikollhom l-opportunità biex jieħdu sehem fil-ħajja soċjali, rekreazzjonali, sportiva u kulturali;

20. Jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri biex jirrikonoxxu li l-ġenituri waħedhom isibu lilhom infushom f'riskju akbar ta' faqa u biex, b'mod partikulari, jiddisponu għal dawn it-tipi ta' familja;

21. Jikkunsidra li r-riskju li wieħed jaqa' fil-faqar hu ikbar għan-nisa milli għall-irġiel, b'mod partikulari fix-xjuħija, peress li s-sistemi għas-sigurtà soċjali huma ta' spiss ibbażati fuq il-prinċipju ta' impjieg imħallas kontinwu; jitlob dritt individwalizzat għal dħul minimu xieraq, li ma jkunx kundizzjonali fuq il-kontributi relatati ma' impjieg;

22. Jenfasizza li s-sehem ta' impjiegi *part-time* fl-UE hu ta' 31% għan-nisa u 7.4% għall-irġiel; jisħaq li l-impjiegi *part-time* għan-nisa huma ta' spiss xogħol *part-time* insinifikanti u marġinali biss, imħallas ħażin u bi protezzjoni soċjali insuffiċjenti; jirrimarka li n-nisa huma, għalhekk, f'riskju akbar li jaqgħu fil-faqar, speċjalment fix-xjuħija, peress li l-pensjonijiet minn impjiegi *part-time* ta' spiss ħafna ma jkunux biżżejjed biex wieħed jgħix ħajja indipendenti;

23. Jenfasizza l-importanza, waqt li f'kull każ jitqiesu l-aħjar interess tat-tfal, li jingħata apoġġ biex it-tfal tat-triq, it-tfal traffikati u l-minorenni mhux akkumpanjati jingħaqdu lura ma' familthom; jisħaq li din ir-rijunjoni għandha tkun akkumpanjata b'miżuri speċjali ta' rijintegrazzjoni soċjali meta l-qagħda soċjoekonomika tkun wasslet l-itfal biex iwettqu attivitajiet illeċiti għal dħul li jkunu ta' ħsara għall-iżvilupp morali u fiżiku tat-tfal, bħall-prostituzzjoni u l-bejgħ tad-droga;

24. Iħeġġeġ lill-Eurostat biex jistabbilixxi rabta mas-sett ta' indikaturi li qed jiġi żviluppat biex jiġi mmonitorat l-impatt tal-attività tal-UE dwar id-drittijiet u l-benessri tat-tfal, ikkummissjonati mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali; jindika l-bżonn ta' sforz konġunt tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u l-Istati Membri biex jaħdmu f'koperazzjoni mal-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u ċ-ċentri ta' riċerka relevanti għat-titjib tal-ġbir ta' *data* statistika li tista' titqabbel dwar il-qagħda tat-tfal fl-UE[1]; jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jirrispettaw ir-Rakkomandazzjoni espressa fir-Rapport tal-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali dwar il-Faqar u l-Benessri tat-Tfal fl-Ewropa, adottat fis-17 ta' Jannar 2008, li jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jirrevedu l-għejjun differenti ta' *data* disponibbli fil-livelli nazzjonali u subnazzjonali dwar it-tfal f'qagħdiet vulnerabbli;

25. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkunsidraw li ċ-ċirku vizzjuż ta' faqar estrem, vulnerabilità, diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali jqiegħed lit-tfal, u b'mod partikulari lit-tfal tat-triq, f'riskju partikulari u li hemm bżonn ta' azzjonijiet differenzjati u individwalizzati biex jiġu indirizzati deprivazzjonijiet multipli;deprivazzjonijiet multipli; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex japprovaw sforz Ewropew konġunt biex jitwaqqfu t-traffikar u l-prostituzzjoni tat-tfal, id-dipendenza ta' tfal fuq id-droga, il-vjolenza kontra t-tfal u d-delinkwenza ta' minorenni;

26. Jistieden lill-UE, lill-Istati Membri u lill-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili organizzati biex jiżguraw li l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun dejjem organizzata skond il-prinċipji fundamentali ta' parteċipazzjoni sigura u li tfisser xi ħaġa;

[1] 2007/2093(INI)).

27. Ifakkar li l-faqar estrem u l-marġinalizzazzjoni jaffettwaw serjament l-iżvilupp tat-tfal tat-triq, jagħmluhom partikularment vulnerabbli għal abbuż fiżiku, mentali u sesswali, ixekklu l-aċċess għal servizzi ta' kwalità u jwassluhom għal attivitajiet illeċiti li jpoġġuhom fil-marġini tas-soċjetà u jxekklu l-opportunitajiet tagħhom li jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw miżuri konkreti u mmirati biex jiġu indirzzati l-bżonnijiet speċifiċi tat-tfal tat-triq u biex jikkoordinaw b'mod aħjar l-azzjoni tal-awtoritajiet ċentrali, reġjonali u lokali biex tingħeleb l-insuffiċjenza tal-metodi ta' intervent normali li jindirizzawhom; jisħaq id-dimensjoni Ewropea dejjem tikber tal-fenomenu tat-tfal tat-triq u jitlob azzjoni koordinata konġunta li tindirizza l-kawżi li huma l-għerq tal-marġinalizzazzjoni u l-faqar estremi tat-tfal ta' triq u l-familji tagħhom, waqt li jittejjeb l-aċċess tagħhom għal servizzi ta' kwalità u tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata; jistieden lill-Kunsill biex jaqbel dwar impenn għall-UE kollha bbażat fuq ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew hawn fuq imsemmija tas-16 ta' Jannar 2008 'Lejn Strateġija Ewropea għad-Drittijiet tat-Tfal' biex il-fenomenu tat-tfal tat-triq jintemm sal-2015.

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data ta' l-adozzjoni** | 25.6.2008 |
| **Riżultat tal-vot finali** | +: 23<br>–: 0<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-vot finali** | Emine Bozkurt, Claire Gibault, Lissy Gröner, Esther Herranz García, Lívia Járóka, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Urszula Krupa, Roselyne Lefrançois, Astrid Lulling, Doris Pack, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Zita Pleštinská, Anni Podimata, Christa Prets, Teresa Riera Madurell, Eva-Britt Svensson, Corien Wortmann-Kool, Anna Záborská |
| **Sostitut(i) preżenti għall-vot finali** | Jill Evans, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Mary Honeyball, Maria Petre |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-vot finali** | Pedro Guerreiro, Eva Lichtenberger, Helmuth Markov |

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 10.9.2008 |
| **Riżultat tal-vot finali** | +: 46<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Jan Andersson, Edit Bauer, Iles Braghetto, Philip Bushill-Matthews, Milan Cabrnoch, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Jean Louis Cottigny, Jan Cremers, Proinsias De Rossa, Harald Ettl, Richard Falbr, Carlo Fatuzzo, Ilda Figueiredo, Roger Helmer, Stephen Hughes, Karin Jöns, Ona Juknevičienė, Jean Lambert, Bernard Lehideux, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Maria Matsouka, Mary Lou McDonald, Elisabeth Morin, Juan Andrés Naranjo Escobar, Csaba Őry, Siiri Oviir, Pier Antonio Panzeri, Rovana Plumb, Jacek Protasiewicz, Bilyana Ilieva Raeva, Elisabeth Schroedter, José Albino Silva Peneda, Jean Spautz, Gabriele Stauner, Ewa Tomaszewska, Anne Van Lancker, Gabriele Zimmer |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Petru Filip, Donata Gottardi, Rumiana Jeleva, Anne E. Jensen, Sepp Kusstatscher, Claude Moraes, Roberto Musacchio, Agnes Schierhuber |